PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 44

It-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

IL-ĦAMRUN, IL-MARSA, SANTA VENERA, PIETÀ/G'MANGIA, FLORIANA, IL-BELT VALLETTA U B'KARA – NGOS

5313. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm għaqdiet mhux governattivi (NGOs) li ġejjin mil-lokalitajiet tal-Ħamrun, il-Marsa, Santa Venera, Pietà/G'mangia, Floriana, il-Belt Valletta u B'kara li ħadu fondi mill-Ministeru li hija responsabbli għalih mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll tagħti ċ-ċifra f'termini ta' flus li minnha bbenefikaw dawn l-għaqdiet?

11/11/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li tindika liema għaqdiet mhux governattivi (NGOs) ibbenefikaw minn fondi taħt l-iskemi tal-Ministeru matul is-snin 2025 u 2026 skont il-lokalitajiet msemmija.

Seduta Numru 44
23/11/2026

KM MALTA AIRLINES – INTERESS MINN INVESTITURI JEW IMSIEĦBA STRATEĠIĊI PRIVATI

370. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm interess minn investituri jew imsieħba strateġiċi privati sabiex jakkwistaw sehem f'KM Malta Airlines jew jidħlu f'xi forma ta' sħubija mal-kumpanija?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 44
23/11/2026

KM MALTA AIRLINES – ESPRESSJONIJIET TA' INTERESS

371. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jekk kien hemm interess minn investituri jew imsieħba strateġiċi privati sabiex jakkwistaw sehem f'KM Malta Airlines jew jidħlu f'xi forma ta' sħubija mal-kumpanija, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm espressjonijiet ta' interess u x'kien l-eżitu tagħhom?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 44
23/11/2026

KM MALTA AIRLINES – BUSINESS PLAN

372. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-business plan ta' KM Malta Airlines, approvat mill-Kummissjoni Ewropea, kienx jipprevedi d-dħul ta' investituri jew sħab privati fi żmien definit?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 44
23/11/2026

KM MALTA AIRLINES – KONTIJIET AWDITJATI – PUBBLIKAZZJONI

373. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-kontijiet awditjati ta' KM Malta Airlines għadhom ma ġewx ippubblikati?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 44
23/11/2026

KM MALTA AIRLINES – KONTIJIET AWDITJATI

374. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid meta mistennija jiġu ppreżentati u ppubblikati l-kontijiet awditjati ta' KM Malta Airlines?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 44
23/11/2026

KM MALTA AIRLINES – KONTIJIET AWDITJATI – DEWMIEN FIL-PUBBLIKAZZJONI

375. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi kwistjonijiet finanzjarji, regolatorji jew operattivi li wasslu għad-dewmien fil-pubblikazzjoni tal-kontijiet awditjati ta' KM Malta Airlines?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 44
23/11/2026

VJOLENZA DOMESTIKA – TAĦRIĠ LILL-PROFESSJONISTI

2419. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'taħriġ qed jingħata lill-professjonisti biex jagħrfu forom ta' kontroll u abbuż ta' vjolenza domestika?

04/08/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jikkjarifika għal liema professjonisti qed jirreferi.

Seduta Numru 44
23/11/2026

RELAZZJONIJIET ABBUŻIVI – PAKKETT KOMPRENSIV TA' APPOĠĠ GĦALL-ĠENITURI

2420. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux qed jikkunsidra l-introduzzjoni ta' pakkett komprensiv ta' appoġġ għal ġenituri waħedhom li jkunu ħarġu minn relazzjoni abbużiva? Jista' jgħid ukoll liema servizzi koordinati bħalissa huma offruti lil dawn il-familji?

04/08/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – ASSISTENZA GĦAL VITTMI TA' VJOLENZA DOMESTIKA

2421. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm vittmi ta' vjolenza domestika li ħarġu mix-xelters ingħataw housing soċjali jew assistenza oħra għall-akkomodazzjoni?

10/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lil Onor. Interpellant li mis-sena 2024 sad-data ta' llum, kien hemm għaxar allokazzjonijiet direttament minn xelters ta' vjolenza domestika, u żewg persuni bbenefikaw mill-iskema li tħabbret riċenti, għall-għajnuna relatat mal-kirja.

Seduta Numru 44
23/11/2026

VJOLENZA DOMESTIKA – TAĦRIĠ SPEĊJALIZZAT GĦALL-PROFESSJONISTI

2422. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid x'taħriġ speċjalizzat ingħata lill-Pulizija, lill-maġistrati, lit-tobba u lil professjonisti oħra li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu dwar il-vjolenza domestika matul l-aħħar sena?

10/08/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: L-Onor. Interpellant għamdu jkun infurmat illi l-magistrati, tobba u professjonisti oħra ma jaqgħux fil-mansjoni ta' dan il-Ministeru

Ninsab infurmat li l-membri tal-Korp tal-Pulizija assenjati fit-Taqsima għall-ġlieda kontra l-Vjolenza Domestika jingħataw taħriġ akkreditat mill-Università ta' Malta, bl-isem *Gender-Based Violence and Domestic Violence to Police Officers*. Barra minn hekk, jingħataw ukoll taħriġ flimkien ma' aġenziji oħra (*multi-agency training*), organizzat mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika
.
Dan it-taħriġ jingħata wkoll bħala parti mill-kors ta' reklutaġġ għall-uffiċjali tal-Pulizija, li jwassal għall-Pre-Tertiary Certificate in Policing. Dan il-kors jinkludi modulu ta' erbgħin (40) siegħa ddedikat għat-trattament ta' vittmi ta' vjolenza domestika.

Matul l-aħħar sena, l-uffiċjali tal-Pulizija assenjati fil-Hubs tal-Vjolenza Domestika ngħataw taħriġ speċjalizzat permezz ta' diversi korsijiet, kif indikat hawn taħt:

· Train the Trainer Course on Sexual Assault
· Becoming an Effective Mentor
· Preparing for Adult Pedagogy
· Multi-Agency Training on Gender Based Violence & Domestic Violence
· Understanding Intoxication: Symptoms, Similar Medical Conditions and Proper Response
· DV Procedural Training - Session 1 (Observation Techniques & Legislation and Legal Procedures)
· DV Procedural Training - Session 3 (Affidavits)
· DV Procedural Training - Session 2 (Report Writing)
· DV Procedural Training - Session 3 (Affidavits)
· DV Procedural Training - Session 1 (Observation Techniques & Legislation and Legal Procedures)
· DV Procedural Training - Session 2 (Report Writing)
· Bullying at the Workplace & Stress Management Seminar
· Safe Weapon Handling - Inspectors
· Emergency Response Driving Training Course - Theory
· Gender Based Violence and Domestic Violence to Police Officers
· Emergency Response Driving Training Course - Practical
· Female Genital Mutilation - Recognition, Response and Support
· Safe Weapon Handling - Inspectors
· Multi-Agency Training on Gender Based Violence & Domestic Violence
· Safe Weapon Handling - Inspectors
· Train the Trainer - Training Against Hate Crimes for Law Enforcement (TAHCLE)
· LiveScan Machines Awareness Session
· AI Upskilling Programme
· Awareness Session On How To Support Persons With Autism
· Bullying at the Workplace & Stress Management Seminar
· Close Protection Training
· Gender Based Violence and Domestic Violence to Police Officers
· In Service - Practical
· Leadership Training
· Medical Training
· Microsoft 365 Training
· Multi-Agency Training on Gender Based Violence & Domestic Violence
· Multi-Agency Training on Gender Based Violence & Domestic Violence
· Setting Up Turnitin Activities on the UM VLE
· Understanding & Managing Hip, Shoulder, Neck & Back Pain - Part 2
· In Service - Practical
· Becoming an Effective Mentor
· Bola Wrap Operator Training
· First Response to Domestic Violence: Legal Elements, Reporting and Evidence Preservation
· Fundamentals of Microsoft Copilot
· ICDL
· Induction Course for 1st Line Officers as Border Control
· Leadership Training
· Make Your Officer Aware: Recognizing and Adapting To Persons with Vulnerabilities
· Mental Health First Aid
· Multi-Agency Training on Gender Based Violence & Domestic Violence
· Nutrition Course for Police Officers
· Police Operations at Football Stadia
· Preventing Burnout in The Malta Police Force
· Training on the Digital Evidence Management System (DEMS)
· Training Session for FIAU

Seduta Numru 44
23/11/2026

KONVENZJONI TA' ISTANBUL – RAPPORT

2423. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx time-frame meta se jiġi ppreżentat rapport lill-Parlament dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul?

10/08/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

HUBS TAL-VJOLENZA DOMESTIKA – TAĦRIĠ LILL-PULIZIJA

2424. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pulizija fil-hubs speċjalizzati tal-Vjolenza Domestika u kemm ilhom iservu hemm? Jista' jgħid ukoll x'taħriġ ingħataw dawn il-pulizija, kemm minnhom irċevew kull tip ta' taħriġ differenti u meta ngħata dan it-taħriġ?

10/08/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm membri illi għadhom kif kienu stazzjonat fl-aħħar xhur waqt illi oħrajn ilhom isevu għal bosta snin. Dwar it-taħriġ ingħataw dawn il-Pulizija nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 2422.

Seduta Numru 44
23/11/2026

BOROŻ GĦALL-ISTOMA – ALLOKAZZJONI GĦALL-PAZJENTI

2445. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhi l-kwantità ta' boroż għall-istoma li tiġi allokata lil kull pazjent fix-xahar, u jekk din tvarjax skont it-tip ta' stoma jew il-prodott li jkun qed jintuża? Jista' jgħid ukoll kemm hi l-kwantità medja ta' boroż li effettivament titqassam għal kull pazjent fix-xahar, maqsuma skont it-tip ta' stoma?

14/08/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kwantità ta' boroż għall-istoma allokata lil kull pazjent fix-xahar tvarja skont it-tip ta' stoma u l-prodott li jkun qed jintuża, kif ġej:

Tip ta' stoma	Kwantità allokata fix-xahar
Kolostomija	Normalment 60, u sa 90 skont il-prodott u l-ħtieġa tal-pazjent
Ileostomija	Normalment 30, u sa 60 skont il-prodott u l-ħtieġa tal-pazjent
Urostomija	30

Il-kwantità li effettivament titqassam hija ġeneralment l-istess bħal dik allokata, u tiġi adattata skont il-ħtiġijiet kliniċi ta' kull pazjent.

Seduta Numru 44
23/11/2026

BOROŻ GĦALL-ISTOMA – ŻIDIET FL-ALLOKAZZJONI

2446. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk pazjent jistax jingħata aktar boroż għall-istoma mill-allokazzjoni normali u, jekk iva, taħt liema ċirkostanzi u min jawtorizza tali żieda? Jista' jgħid ukoll kemm saru tali awtorizzazzjonijiet matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

14/08/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li pazjent bi stoma jista' jingħata aktar boroż mill-allokazzjoni normali meta dan ikun meħtieġ għal raġunijiet kliniċi, bħal tnixxija, output għoli mill-istoma, problemi fil-ġilda madwar l-istoma, ftuq madwar l-istoma (parastomal hernia) jew kumplikazzjonijiet oħra. Iż-żieda tiġi awtorizzata mill-infermiera speċjalizzati fil-kura tal-istoma, wara evalwazzjoni klinika individwali tal-pazjent. Dawn l-awtorizzazzjonijiet isiru skont il-ħtieġa ta' kull pazjent.

Seduta Numru 44
23/11/2026

BOROŻ GĦALL-ISTOMA – KRITERJI TAL-PAZJENTI

2447. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhuma l-kriterji li jintużaw sabiex jiġi determinat liema tip ta' borża għall-istoma tingħata lil pazjent u min jieħu jew jawtorizza din id-deċiżjoni? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx boroż għall-istoma jew prodotti oħra għall-kura tal-istoma li l-aċċess għalihom huwa ristrett għal ċerti kategoriji ta' pazjenti u, jekk iva, jelenka dawn il-prodotti u l-kriterji li jridu jiġu sodisfatti sabiex pazjent jingħata kull prodott?

14/08/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tip ta' borża u aċċessorji għall-istoma jiġi determinat skont il-ħtiġijiet kliniċi individwali ta' kull pazjent. L-infermiera jirrakkomandaw l-apparat adattat, f'konsultazzjoni mal-konsulent responsabbli mill-kura tal-pazjent, li jippreskrivi l-intitolament għall-prodotti. M'hemmx kategoriji ta' pazjenti li għalihom l-aċċess għal boroż jew prodotti għall-kura tal-istoma huwa ristrett.

Seduta Numru 44
23/11/2026

TIBDIL TAL-BOROŻ GĦALL-ISTOMA

2448. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk pazjent jistax jaqleb minn tip jew marka ta' borża għall-istoma għal oħra u, jekk iva, x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita u min għandu jawtorizza tali bidla? Jista' jgħid ukoll kemm saru talbiet għal tali tibdil matul dawn l-aħħar ħames snin, kemm ġew approvati u kemm ġew rifjutati?

14/08/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

SERVIZZ TAS-SAĦĦA PUBBLIKA – BOROŻ GĦALL-ISTOMA – INVESTIMENT

2449. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien l-investiment totali tas-servizz tas-saħħa pubblika fuq boroż għall-istoma matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

14/08/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella ta' hawn taħt:

Year	Eur (Inc Vat)
2022	894,792
2023	1,103,279
2024	1,228,050
2025	1,608,689
2026 (till end of October)	1,378,021

Seduta Numru 44
23/11/2026

STOMA CARE CLINIC

2450. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew segwiti pazjenti mis-Stoma Care Clinic matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena, u jagħti separatament in-numru totali ta' attendenzi fil-klinika għal kull sena? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm pazjenti ġodda b'colostomy, ileostomy jew urostomy matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena u skont it-tip ta' stoma?

14/08/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

KUNSILLI LOKALI – ĠBIR TA' SKART – PROĊESS TA' ĊENTRALIZZAZZJONI

3000. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-proċess ta' ċentralizzazzjoni fis-sistema tal-ġbir tal-iskart hux qed inaqqas is-saħħa tal-kunsilli lokali b'tali mod li dawn saru ċentri ta' customer care?

30/09/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Jiddispjaċini nirrimarka li l-argumentazzjoni tal-Onor. Interpellant hi mibnija fuq premessa fundamentalment żbaljata, kemm fil-fatt kif ukoll fl-interpretazzjoni tal-qafas legali applikabbli.
Fl-ewwel lok, irrid niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant għall-fatt li l-proċess li għalih qiegħda tirreferi ma kienx wieħed ta' ċentralizzazzjoni, kif qiegħda tipprova tagħti x'tifhem, iżda wieħed ta' reġjonalizzazzjoni tal-kuntratti tal-ġbir tal-iskart.
Fil-fatt, permezz ta' din ir-riforma, il-Kunsilli Reġjonali ngħataw ir-responsabbiltà li joħorġu u jamministraw sejħiet għall-offerti għall-ġbir tal-iskart fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, huwa kunċettwalment u amministrattivament żbaljat li wieħed jekwipara r-reġjonalizzazzjoni ta' funzjoni kuntrattwali mat-tnaqqis tas-setgħat jew tal-importanza istituzzjonali tal-Kunsilli Lokali.
Altru minn hekk, din ir-riforma ma biddlet xejn mill-prinċipju fundamentali li l-Kunsilli Lokali jibqgħu jaqdu l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom skont il-liġi, u jibqgħu l-eqreb livell ta' Gvern għaċ-ċittadin.
Il-fatt li Kunsill Lokali jilqa', isegwi u jintervjeni dwar ilmenti u talbiet tar-residenti bl-ebda mod ma jirrendi lil dak il-Kunsill sempliċi ċentru ta' customer care. Għall-kuntrarju, dan jikkostitwixxi parti integrali mill-funzjoni rappreżentattiva u amministrattiva tiegħu, li permezz tagħha jissalvagwardja l-interessi tal-komunità li ġie elett biex jirrappreżenta.
Is-saħħa ta' Kunsill Lokali ma titkejjilx mill-għadd ta' kuntratti li jamministra, iżda mill-kapaċità tiegħu li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod effettiv u li jwieġeb għall-ħtiġijiet tar-residenti.

In oltre, irrid inġib għall-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li fil-Budget 2027 ġew allokati €39 miljun għall-Kunsilli Lokali, minbarra diversi skemi oħra ta' finanzjament li permezz tagħhom jistgħu jitwettqu proġetti u inizjattivi għall-benefiċċju dirett tal-komunitajiet tagħna.

Seduta Numru 44
23/11/2026

KUNSILLI LOKALI – STRATEĠIJA TAL-GVERN

3001. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid xi strateġija għandu l-Gvern biex il-kunsilli lokali jkollhom iktar saħħa biex jaqdu aħjar lill-komunità?

30/09/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Il-Gvern għandu viżjoni ċara għall-qasam tal-Gvern Lokali permezz tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Gvern Lokali li tinkludi numru ta' miżuri maħsuba biex isaħħu l-kapaċità tal-Kunsilli Lokali u jaqdu aħjar lill-komunitajiet tagħhom. Dawn jinkludu taħriġ kontinwu għall-membri eletti u amministrattivi tal-Kunsilli Lokali, it-tisħiħ tal-istrutturi interni u tar-riżorsi umani, l-għoti ta' aktar appoġġ professjonali permezz tal-Kunsilli Reġjonali, u t-titjib tal-koordinazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u l-entitajiet tal-Gvern.

Barra minn hekk, il-viżjoni tipprevedi aktar investiment fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi, inkluż pjattaformi komuni u sistemi moderni ta' komunikazzjoni mar-residenti, sabiex il-Kunsilli jkunu aktar effiċjenti u aċċessibbli.

Il-Gvern huwa wkoll impenjat li jkompli jsaħħaħ ir-rwol tal-Kunsilli Reġjonali bħala riżorsa għall-Kunsilli Lokali, jiffaċilita l-aċċess għall- fondi u riżorsi addizzjonali u jżid l-involviment tal-komunitajiet fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jolqtuhom direttament. L-għan ewlieni jibqa' li l-Kunsilli Lokali jkollhom l-għodda, ir-riżorsi u s-sostenn meħtieġ sabiex jipprovdu servizzi ta' kwalità ogħla u jkunu aktar viċin ir-residenti tagħhom.

Seduta Numru 44
23/11/2026

PRODUZZJONI TAL-ELETTRIKU MINN SORSI RINNOVABBLI – MIŻURI

3002. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li skont l-aħħar data ppubblikata mill-Eurostat, fl-2025 Malta kellha l-inqas sehem fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ta' elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli, b'16.2%, meta mqabbel mal-medja ta' 47% fl-Unjoni Ewropea, tista' l-Ministru tgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex iżid b'mod sinifikanti l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli f'Malta?

30/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li pajjiżna kompla jagħmel progress kbir fit-tranżizzjoni lejn enerġija aktar nadifa, hekk kif skont l-aħħar ċifri proviżorji ppubblikati mill-Eurostat, fl-2025 is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli laħaq it-18.8% tal-konsum totali tal-enerġija tal-pajjiż.
Iċ-ċifri juru żieda ta' 1.6 punti perċentwali fuq is-sena ta' qabel, meta s-sehem tal-enerġija rinnovabbli f'Malta kien ta' 17.2%. Din iż-żieda tikkonferma x-xejra pożittiva li qed twassal għal użu akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'pajjiżna.
Mill-2012 'il hawn, Malta rreġistrat żieda sostanzjali fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli, minn inqas minn 3% għal 18.8% fl-2025. Dan ifisser li f'dan il-perjodu, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli żdied għal aktar minn sitt darbiet dak li kien kważi 14-il sena ilu. Barra minn hekk, bis-sehem ta' 18.8%, Malta tinsab quddiem diversi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, fosthom il-Belġju, li rreġistra 14.9%, is-Slovakkja b'16.3% u l-Irlanda b'17.2%.

Kif indikat fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima, il-Gvern qed ikompli jimplimenta numru ta' miżuri sabiex tiżdied il-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-ħidma tal-Gvern qed issir fuq diversi livelli. Dawn jinkludu skemi ta' għajnuna għall-investiment f'sistemi fotovoltajċi u sistemi ta' ħażna tal-enerġija bil-batteriji, kif ukoll feed-in tariffs u skemi oħra li jappoġġjaw aktar investiment fl-enerġija rinnovabbli. Qed isir ukoll investiment fil-grid tal-elettriku sabiex tkun tista' tiġi integrata aktar enerġija rinnovabbli.
Fl-istess waqt, il-Gvern qed javvanza l-ħidma fuq l-enerġija rinnovabbli offshore, inkluż il-proġett tal-enerġija mir-riħ offshore, sabiex jinfetħu opportunitajiet għal ġenerazzjoni fuq skala akbar lil hinn mil-limitazzjonijiet tal-ispazju fuq l-art.

Seduta Numru 44
23/11/2026

RIĊIKLAĠĠ TAL-PLASTIK – MIŻURI

3003. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li skont l-aħħar data ppubblikata mill-Eurostat, fl-2023 Malta kellha rata ta' riċiklaġġ tal-plastik li kienet fost l-inqas fl-Unjoni Ewropea, tista' l-Ministru tgħid x'kienet ir-rata ta' Malta fl-2023? Tista' tgħid ukoll x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex Malta tilħaq il-mira Ewropea ta' mill-inqas 55% riċiklaġġ tal-plastik sal-2030?

30/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif tħabbar ftit tal-jiem ilu, l-prestazzjoni ta' Malta fis-settur tal-ġestjoni tal-iskart kompliet titjieb fl-2024, bil-pajjiż jirreġistra l-inqas ammont ta' skart iġġenerat għal kull persuna fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li kompla jnaqqas id-distakk mal-medja Ewropea fir-riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-plastik.
L-aħħar ċifri tal-Eurostat juru progress kontinwu kemm fit-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart kif ukoll fiż-żieda fir-riċiklaġġ.
Malta ġġenerat 1,092 kg ta' skart għal kull persuna, madwar 36 fil-mija inqas mill-medja tal-UE, filwaqt li r-rata ta' riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-plastik kienet 7.3 punti perċentwali taħt il-medja tal-UE ta' 42.4 fil-mija.
Dan jirrappreżenta titjib sinifikanti meta mqabbel mal-2022, meta r-rata ta' riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-plastik f'Malta kienet 26.7 punti perċentwali taħt il-medja tal-UE u l-pajjiż kien fl-aħħar post fil-klassifika Ewropea. L-akbar titjib seħħ proprju fl-2023, meta r-rata ta' riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-plastik f'Malta telgħet għal 31.9 fil-mija, fejn f'sena waħda avvanzajna tmien postijiet f'dik li hija klassifika Ewropea. Ir-rata ta' riċiklaġġ tal-plastik kompliet titjieb għal 35.1 fil-mija fl-2024.
Flimkien, dawn l-aħħar ċifri juru progress kemm fit-tnaqqis tal-ammont ta' skart iġġenerat kif ukoll fit-titjib fis-separazzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart. Il-Gvern qed ikompli jevalwa u jimplimenta miżuri addizzjonali sabiex isaħħaħ il-ġbir separat tal-iskart u jkompli jtejjeb ir-rati ta' riċiklaġġ fis-snin li ġejjin.
Fil-fatt pajjiżna diġà ħa diversi miżuri konkreti sabiex itejjeb ir-riċiklaġġ tal-iskart, inkluż l-iskart tal-plastik, fosthom l-introduzzjoni tas-sistema tal-BCRS, l-obbligu tas-separazzjoni tal-iskart, iż-żieda fit-tariffi differenzjati tal-gate fees favur skart miġbur separatament, kif ukoll investiment kontinwu fl-infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart.

Seduta Numru 44
23/11/2026

PROPORZJON TA' ART MIKSIJA BIL-FORESTI

3004. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li skont l-aħħar data ppubblikata mill-Eurostat, fl-2023 Malta kellha l-inqas proporzjon ta' art miksija bil-foresti fost l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea b'4.3%, meta mqabbel mal-medja ta' 39.0% fl-Unjoni Ewropea, tista' l-Ministru tgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex jiżdied il-proporzjon ta' art miksija bil-foresti f'Malta?

30/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, għall-finijiet tal-istatistika dwar il-foresti, art klassifikata bħala foresta trid, fost kriterji oħrajn, tkun ta' aktar minn 0.5 ettaru, ikollha siġar ogħla minn ħames metri jew li kapaċi jilħqu dan l-għoli, ikollha kopertura tas-siġar ta' aktar minn 10%, u ma tkunx art li tintuża għal skopijiet agrikoli jew urbani.
Minħabba din id-definizzjoni, mhux kull intervent ta' tħawwil jew spazju aħdar ġdid jiġi kklassifikat bħala "foresta". Madankollu, dan il-gvern qed jagħmel diversi interventi li jikkontribwixxu għaż-żieda fil-kopertura tas-siġar, għall-ħolqien ta' aktar spazji ħodor u għat-tisħiħ u l-konservazzjoni ta' riżorsi ambjentali ta' Malta.
F'dan is-sens, Ambjent Malta qed tidentifika żoni tal-Gvern adattati għal proġetti ta' afforestazzjoni u għat-tħawwil ta' siġar indiġeni, filwaqt li qegħdin jitwettqu wkoll miżuri ta' restawr, manutenzjoni u protezzjoni taż-żoni forestali eżistenti, inkluż permezz ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħabitats, kontroll ta' speċi invażivi u interventi li jsaħħu l-konnettività ekoloġika bejn żoni naturali.
Fl-istess waqt, Project Green qed tkompli żżid il-kopertura tas-siġar bħala parti mill-proġetti tagħha ta' riġenerazzjoni u ħolqien ta' spazji ħodor. Sal-lum, il-proġetti tal-Aġenzija koprew madwar 120,000 metru kwadru ta' spazji miftuħa ġodda jew riġenerati u, fejn il-kundizzjonijiet tas-sit jippermettu, jingħata prijorità lit-tħawwil tas-siġar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

PROPORZJON TA' ART UŻATA GĦAL SERVIZZI U RESIDENZI

3005. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li skont l-aħħar data ppubblikata mill-Eurostat dwar l-użu tal-art, fl-2022 Malta kellha l-ogħla proporzjon fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ta' art użata għal servizzi u residenzi, b'20.9% tal-area totali tal-pajjiż, tista' l-Ministru tgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex jipproteġi l-art agrikola u naturali filwaqt li jitrażżan l-isfruttament kontinwu tal-art għal użi mibnija?

30/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L.S. 379.08 - EMENDI PROPOSTI

3198. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1037, jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' fejn waslu l-emendi proposti biex tiġi emendata l-L.S. 379.08 - Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet?

06/10/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. interpellant li din l-informazzjoni tinstab diġa disponibbli għall-konsum pubbliku fuq is-sit uffiċċjali tal-awtorita MCCAA permezz tal-link

https://mccaa.org.mt/concentrations/

Seduta Numru 44
23/11/2026

RAĦAL ĠDID - ŻONA TA' WIED BLANDUN - XOGĦLIJIET

3200. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jara li jitranġa l-istat li fih tħalliet iż-żona ta' Wied Blandun wara x-xogħlijiet li saru fi Vjal 28 ta' April, f'Raħal Ġdid, inkluż ħofra fonda u perikoluża f'żona pedonali?

07/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ħofra li qed jirreferi għaliha, hija filfatt rampa li tagħti aċċess minn Wied Blandun għal Vjal 28 ta'April, u inkluża max-xogħlijiet tal-imsemmi proġett. Kif jitlesta x-xogħol ta' r-rinfurzar ta' din l-istess rampa, ser tiġi pavimentata b'materjal simili tal-bankini fi Vjal 28 ta' April.

Seduta Numru 44
23/11/2026

PANNELLI FOTOVOLTAJĊI U SISTEMI TA' BATTERIJI – GRANTS

3355. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm huwa n-numru ta' grants ta' pannelli fotovoltajċi u ta' sistemi ta' batteriji li ġew approvati fl-2025 u li għadhom ma sarux il-pagamenti lill-aġenti?

09/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li matul is-sena 2025 ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) approva total ta' 2,808 għotjiet relatati ma' installazzjonijiet ta' pannelli fotovoltajċi u sistemi ta' ħażna tal-enerġija permezz ta' batteriji. Minn dawn, sa llum tħallsu 2,627 għotja. Hemm 32 għotja li ġew ipproċessati u jinsabu fl-aħħar stadju, u li l-ħlas lill-applikanti jew lill-aġenti rispettivi se jsir qabel l-aħħar tax-xahar. Barra minn hekk, hemm 110 għotja li fir-rigward tagħhom ir-Regolatur għadu qed jistenna informazzjoni jew kjarifiki meħtieġa mingħand l-applikanti jew l-aġenti sabiex il-proċess ikun jista' jitkompla. Id-39 applikazzjoni l-oħra l-applikanti huma meħtiega japplikaw bil-Part B għar-rifużjoni tal-għotja mar-Regolatur.

Seduta Numru 44
23/11/2026

ENEMALTA – RAPPORTI TA' UNDERVOLTAGE JEW OVERVOLTAGE

3420. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 6581 u 6927 tal-14-il Leġislatura, tista' l-Ministru tgħid kemm irċeviet rapporti ta' undervoltage jew overvoltage l-Enemalta fis-snin 2023, 2024 u 2025? Tista' wkoll tagħti lista tal-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex minn fejn saru dawn ir-rapporti u tgħid kemm saru rapporti minn kull lokalità?

13/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2035.

Seduta Numru 44
23/11/2026

ENEMALTA – CABLES TAĦT L-ART – SPECIFICATIONS U DESIGN REQUIREMENTS

3421. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2095 dwar specifications u design requirements li tħaddan l-Enemalta għal thermal backfill u spacing bejn il-cables li jitqiegħdu taħt l-art, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-metodi u rekwiżiti tekniċi, kemm għall-ispazzjar u t-tqegħid tal-cables kif ukoll għat-thermal backfill, kif jiġu mgħoddija lill-kuntratturi li jagħmlu dawn ix-xogħlijiet?

13/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li l-ispeċifikazzjonijiet u r-rekwiżiti tekniċi relatati mat-tqegħid u l-ispazzjar tal-cables, kif ukoll backfill, jiġu stabbiliti skont in-natura u r-rekwiżiti tekniċi ta' kull proġett partikolari. Dawn ir-rekwiżiti jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni tat-tender rispettiv u b'hekk jiġu mgħoddijin lill-kuntratturi bħala parti mill-ispeċifikazzjonijiet li jridu jiġu osservati fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet.

Seduta Numru 44
23/11/2026

KAROZZI SECOND HAND U KAROZZI ĠODDA IMPURTATI - SNIN 2013 SA 2025

3494. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1509 u 2100 u jgħid kemm ġew impurtati u reġistrati karozzi second hand mill-2013 sal-2025, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm ġew impurtati karozzi ġodda fl-istess perjodu u ċjoè; mill-2013 sal-2025, maqsuma sena b'sena?

14/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta ma żżommx statistika dwar l-importazzjoni, iżda dwar il-vetturi li jiġu rreġistrati u lliċenzjati għall-ewwel darba f'Malta. L-għadd ta' vetturi ġodda u użati rreġistrati għall-ewwel darba bejn l-2013 u l-2025 kien kif jidher fit-tabella segwenti:

Sena	Vetturi ġodda	Vetturi użati
2013	7,171	8,636
2014	8,028	10,617
2015	9,394	10,588
2016	10,701	8,362
2017	10,928	11,811
2018	11,826	12,950
2019	11,796	12,976
2020	7,922	9,915
2021	11,216	7,510
2022	13,657	5,685
2023	14,674	7,658
2024	13,175	7,839
2025	12,976	7,716

Seduta Numru 44
23/11/2026

MALTA MARITIME FORUM – RAKKOMANDAZZJONIJIET IMPLIMENTATI

3561. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1906, jista' l-Ministru jgħid kemm mir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Malta Maritime Forum lill-Gvern fl-aħħar Pre-Budget Consultation Document, ġew implimentati?

14/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

POLICY ON TWILIGHT WORK FOR RADIOGRAPHERS AND RADIOLOGISTS

3627. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega għaliex il-Policy on Twilight Work for Radiographers and Radiologists teskludi radjografi li ma jaħdmux full-time milli jipparteċipaw fit-twilight sessions, anke meta dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istess policy dwar il-kompetenza, il-modality currency u l-prattika regolari?

Jista' jgħid ukoll:
i. x'inhi l-ġustifikazzjoni oġġettiva biex radjografi part-time jiġu ttrattati b'mod differenti minn radjografi full-time komparabbli;
ii. jekk din id-dispożizzjoni ġietx evalwata għall-konformità mal-Part-Time Employees Regulations, S.L. 452.79, u mar-regoli applikabbli tas-Servizz Pubbliku dwar xogħol b'ħinijiet imnaqqsa;
iii. jekk ittieħditx konsulenza legali jew dwar relazzjonijiet industrijali qabel ġiet introdotta din ir-restrizzjoni;
iv. jekk il-Ministru huwiex sodisfatt li din il-policy qed tiġi applikata b'mod konsistenti, meta Section 6 tal-policy tgħid espressament li radjografi jridu jagħmlu overtime u regular shifts fil-modality rilevanti, u barra minn hekk "have to be working full time" u teħtieġ ukoll li radjografi jagħmlu ċertu overtime u ċerti shifts fil-modality rilevanti sabiex ikunu eliġibbli għat-twilight work; u
v. jekk hemm ġustifikazzjoni oġġettiva biex radjografi part-time jiġu esklużi, jista' jqiegħed din il-ġustifikazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Policy on Twilight Work for Radiographers and Radiologists kienet ġiet implimentata bħala proġett pilota matul ix-xahar ta' Ottubru 2026. Wara l-feedback li nġabar, il-policy ġiet adattata sabiex tqis skedi differenti ta' sigħat tax-xogħol, u l-eliġibbiltà għas-sahra u għat-twilight sessions issa tiġi determinata abbażi ta' kwota ta' sigħat maħduma fil-ħin regolari tax-xogħol, b'mod proporzjonat għall-impjegati kollha, kemm full-time kif ukoll part-time. B'effett mis-16 ta' Novembru 2026, ir-radjografi part-time m'għadhomx eskluży mit-twilight sessions.
Ninsab infurmat li, f'dan il-proċess, ġew eżaminati l-kuntratti tax-xogħol, u l-policy ġiet allinjata mal-liġijiet tal-impjieg, inklużi r-regolamenti dwar l-impjegati part-time, u mar-regoli tas-Servizz Pubbliku.

B'hekk il-policy qed tiġi applikata b'mod konsistenti, filwaqt li tagħti lill-pazjenti aċċess ekwu għas-servizzi kemm matul il-ħinijiet regolari tax-xogħol kif ukoll matul it-twilight sessions.

Seduta Numru 44
23/11/2026

VETTURI ABBANDUNATI – ĠBIR MINN TRANSPORT MALTA

3628. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk Transport Malta għadhiex tiġbor vetturi li jkunu abbandunati fit-toroq pubbliċi u li l-liċenzja tagħhom ma tkunx tħallset? Jekk iva, jista' jindika:
i. kemm inġabru vetturi mill-1 ta' Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont is-sena u l-lokalità;
ii. kemm-il rapport dwar vetturi bħal dawn fil-Mosta għadu pendenti, u kemm ilhom pendenti dawn ir-rapporti; u
iii. meta huwa mistenni li jinġabru l-vetturi fil-Mosta li ġew irrappurtati u li jissodisfaw il-kriterji għat-tneħħija?

16/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nikkonferma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta flimkien ma' pulizija u Lesa għadha tiġbor vetturi abbandunati fit-toroq pubbliċi li l-liċenzja tagħhom ma tkunx tħallset.
i. Mill-1 ta' Jannar 2025 sal-aħħar ta' Settembru 2026, inġabru total ta' 1,394 vettura. Minn dawn, 785 inġabru matul l-2025 u 609 bejn Jannar u Settembru 2026.
ii. Bħalissa hemm erba' (4) vetturi fil-Mosta li diġà twaħħlitilhom notifika u li għad iridu jinġabru.
iii. Il-vetturi jinġabru wara li jitlesta l-proċess intern, li jinkludi tentattiv biex isir kuntatt mas-sid tal-vettura, fejn possibbli, sabiex il-vettura tiġi regolarizzata. Jekk dan ma jirnexxix, tidħol fis-seħħ il-proċedura sabiex il-vettura tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

SKEMA TAR-RIFUŻJONI TAT-TAXXA

3874. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont li jindika:
i. l-għadd totali ta' ċekkijiet maħruġa u l-valur totali tagħhom;
ii. l-għadd ta' ċekkijiet li baqgħu mhux imsarrfa u l-valur totali tagħhom; u
iii. l-perċentwal taċ-ċekkijiet mhux imsarrfa meta mqabbel mal-għadd totali ta' ċekkijiet maħruġa, kif ukoll il-perċentwal tal-valur tagħhom meta mqabbel mal-valur totali maħruġ,
minn meta bdiet l-iskema tar-rifużjoni tat-taxxa magħrufa bħala ċ-"ċekk tal-bżulija" sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

20/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hi kif jidher hawn taħt:

Sena	Għadd ta' ċekkiijiet maħruġa	Valur ta' ċekkijiet maħruġa	Għadd ta' ċekkijiet mhux imsarrfa	Perċentwal ta' ċekkijiet mhux imsarrfa mill-għadd ta' ċekkijiet	Valur ta' ċekkijiet mhux imsarrfa	Perċentwal ta' ċekkiijiet mhux imsarrfa mill-valur taċ-ċekkijiet
2025	289,638	€29,020,285	60,847	21.01	6,379,995	21.98
2024	272,938	€27,870,570	47,704	17.48	5,068,300	18.19
2023	255,927	€26,345,925	36,119	14.11	3,817,170	14.49
2022	251,116	€26,379,967	47,668	18.98	5,083,785	19.27
2021	251,401	€17,998,774	38,382	15.27	2,756,450	15.31
2020	219,383	€11,947,473	22,021	10.04	1,191,094	9.97
2019	210,708	€11,618,270	13,523	6.42	740,068	6.37
2018	208,597	€11,644,735	21,702	10.40	1,210,936	10.40

Seduta Numru 44
23/11/2026

LPTS (Y-PLATES) – OPERATURI LI GĦANDHOM IKTAR MINN 100 KAROZZA

3875. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jindika n-numru Light Passenger Transport System (LPTS) tal-operaturi tal-Y-plates li għandhom aktar minn 100 karozza u jagħti rendikont ta' kemm għandu karozzi kull operatur? Jista' wkoll jipprovdi l-lokalitajiet tal-garaxxijiet użati mill-operaturi li għandhom aktar minn 70 vettura?

20/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA

3876. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2113 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol u jgħid jekk l-awtoritajiet Maltin għandhomx rekord li l-humanoid robot magħruf bħala "Sophia" daħal f'Malta jew ġie ppreżentat għal kontroll ta' fruntiera f'Malta? Jekk iva, jista' jgħid f'liema data daħal, taħt liema kategorija ġie rreġistrat, u jekk ġiex ippreżentat xi dokument ta' identifikazzjoni jew vjaġġar?

20/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-awtoritajiet Maltinma għandhom l-ebda informazzjoni illi robot bl-isem ta' Sophia ġie preżentat għall-kontroll tal-fruntiera.
Ninfurmaħ wkoll illi l-kontroll tal-fruntiera jsir skont ir-regolamenti mill-ligijiet tal-Unjoni Ewropeja, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u mill-provedimenti tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Immigration Act), dwar id-dħul ta' persuni f'Malta.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-IMSIDA – ILMENTI DWAR IL-ĠBIR U R-RIMI TAL-ISKART

4336. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew irreġistrati ilmenti mill-awtoritajiet kompetenti relatati mal-ġbir, l-akkumulazzjoni u r-rimi tal-iskart fil-lokalità tal-Imsida matul l-aħħar sentejn, maqsuma sena b'sena?

26/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali tal-Imsida li fis-sentejn (2024 u 2025) indikati kien hemm 10,243 -il ilment maqsuma kif ġej:

Tip ta' Ilment	2024	2025	Total (Sentejn)
Ilmenti Rilevanti	2,145	2,160	4,305
Emails Speċifiċi	1,121	1,512	2,633
Messaġġi WhatsApp	1,145	2,160	3,305
TOTAL	**4,411**	**5,832**	**10,243**

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-IMSIDA – SKART – MIŻURI TA' TITJIB

4337. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid x'miżuri ttieħdu matul l-aħħar sentejn sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-iskart fl-Imsida u kemm intefqu fondi pubbliċi fuq dawn il-miżuri?

26/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mir-Reġjun Lvant u l-Kunsill Lokali tal-Imsida li matul is-sena 2025 u 2026 ġew stampati kalendarji li kienu għad-dispożizzjoni tal-Kunsill biex jitqassmu fid-djar fejn fihom kien hemm l-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Bejn Ottubru 2024 u Ottubru 2026, l-ERA intalbet twettaq 51 spezzjonijiet f'żoni problematiċi biex jiġu infurzati r-regolamenti dwar il-ġestjoni tal-iskart. Infurmata wkoll li perjodikament il-Kunsill jagħmel avviżi fuq il-midja soċjali fejn jirreklama l-iskeda tal-ġbir tal-iskart, minbarra wkoll li kull meta jkun hemm abbuż f'xi żona, tintalab l-għajnuna tal-ERA, LESA u l-Pulizija fil-Kommunità biex jintervjenu u jieħdu l-passi li hemm bżonn, liema servizz ma ġab l-ebda spiża miegħu.

Il-Kunsill għandu wkoll numru ta' CCTV immoniterjati mil-LESA. Jikkumplimenta dan, riċentament, tqabbad servizz ta' 60 siegħa b'żewġ pulizija biex isir infurzar relatat speċifikament ma' skart madwar il-lokalità.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-IMSIDA – SERVIZZI TAL-ĠBIR TAL-ISKART – VALUTAZZJONI TAL-PRESSJONI

4338. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk saritx valutazzjoni speċifika dwar il-pressjoni li l-popolazzjoni, in-negozji u l-istudenti barranin qed joħolqu fuq is-servizzi tal-ġbir tal-iskart fl-Imsida?

26/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Infurmata mill-Kunsill Lokali tal-Imsida li r-risposta hi fin-negattiv.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-IMSIDA – IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART – PJAN SPEĊIFIKU

4339. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk jeżistix pjan speċifiku għall-Imsida biex jiġu indirizzati l-problemi kroniċi relatati mal-iskart, u jekk dan il-pjan jinkludix żieda fil-frekwenza tal-ġbir, infurzar akbar u investiment f'infrastruttura għall-immaniġġjar tal-iskart?

26/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-frekwenza tal-ġbir tal-iskart hi stabbilita fuq bażi nazzjonali filwaqt li l-infurzar f'dan il-qasam jitwettaq mill-entitajiet kompetenti rispettivi. Fl-istess waqt, tibqa' għaddejja ħidma fuq diversi inizjattivi u miżuri li jistgħu jikkontribwixxu għal titjib fil-ġestjoni tal-iskart fuq livell lokali.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-IMSIDA – STUDENTI BARRANIN – PERSENTAĠĠ

4340. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-persentaġġ ta' studenti barranin meta mqabbel mat-total ta' studenti fl-Imsida u jipprovdi d-data għall-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

26/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li t-total ta' studenti maltin u barranin ta' kull skola tal-Gvern f'Malta u Għawdex qed npoġġihom fuq il-mejda tal-kamra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-IMSIDA – STUDENTI BARRANIN – STUDJU U RESIDENZA

4341. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti barranin li bħalissa qegħdin jistudjaw f'istituzzjonijiet edukattivi fil-lokalità tal-Imsida, u kemm minnhom jgħixu wkoll fl-Imsida?

26/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. interpellant tirreferi għar-risposta ta' mistoqsija parlamentari 4340. Ma naħsibx li huwa etiku li l-indirizz ikun publikat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

FAĊILITÀ ĠDIDA GĦAS-SEPARAZZJONI TAL-ISKART GOFF

4590. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-faċilità l-ġdida għas-separazzjoni tal-iskart goff imħallat, imħabbra fil-Baġit 2025, hijiex operattiva? Tista' wkoll tindika d-data tal-bidu tal-operat, l-ispiża finali u jekk il-faċilità hix qed taħdem bil-kapaċità prevista?

29/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

FAĊILITÀ GĦAS-SEPARAZZJONI TAL-ISKART GOFF – SKART EVITAT MILL-MIŻBLA

4591. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il tunnellata ta' skart ġiet effettivament evitata milli tispiċċa fil-miżbla permezz tal-faċilità għas-separazzjoni tal-iskart goff, fid-dawl tal-ammont ta' madwar 47,000 tunnellata msemmi fil-Baġit 2025? Tista' wkoll tagħti ċ-ċifri maqsuma skont is-sena u t-tip ta' materjal irkuprat?

29/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

ĦAL TARXIEN – TRIQ KARLU MARATTA KANTUNIERA MA' TRIQ KALAMIJA – SPRALLI MAGĦLUQA BIT-TARMAK

4592. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3837 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol u ċjoè: Fid-dawl li l-ispralli fi Triq Karlu Maratta kantuniera ma' Triq Kalamija, Ħal Tarxien (biswit Ġnien Ovindoli) jinsabu magħluqin bit-tarmak, tista' l-Ministru tgħid jekk dawn l-ispralli humiex se jibqgħu magħluqin jew jekk hemmx il-ħsieb li jerġgħu jinfetħu sabiex l-ilma tax-xita jkun jista' jitbattal kif suppost?

29/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mil-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien li bħalissa għaddejjin b'diskussjonijiet sabiex jaraw liema entità tista' tassumi r-responsabbiltà li twettaq ix-xogħlijiet meħtieġa.

Seduta Numru 44
23/11/2026

SKEMA BIEX IĊĊEDI L-LIĊENZJA TAS-SEWQAN – APPLIKAZZJONIJIET

4593. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 908, 2020 u 3838 u jgħid kemm-il-żagħżugħ u żagħżugħa applikaw għall-iskema biex iċedu l-liċenzja tas-sewqan għal €25,000?

29/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

FISH FRIDAYS – SKEJJEL LI GAWDEW MILL-INIZJATTIVA

4652. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid liema skejjel gawdew mill-inizjattiva' 'Fish Fridays' mit-tnedija ta' dan il-programm fl-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?
Jista' jgħid ukoll:
i. kemm studenti gawdew minn dan il-programm;
ii. jekk il-ħut ipprovdut kienx lokali u frisk; u
iii. kemm kienet l-ispiża totali biex ġie implimentat dan il-programm, minn meta tnieda sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?
Jista' jgħid jekk dan is-servizz ingħatax b'tender jew b'direct order, min ipprovda s-servizz fl-iskejjel u kemm tħallas u jekk hemmx ħsieb li dan il-programm jibqa' jiġi implimentat fix-xhur u snin li ġejjin?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-inizjattiva 'Fish Fridays' twettqet fl-iskejjel ta' Marsaxlokk, Ħal Għaxaq, l-Imsida u San Ġwann, u laħqet madwar 2,300 student. Il-ħut ipprovdut kien lokali u frisk. In-nefqa totali fuq l-inizjattiva bejn April u Mejju 2026 kienet ta' €50,425, eskluża l-VAT. Qiegħed jiġi ppreparat tender bil-għan li l-programm ikompli jiġi implimentat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

BIĊĊERIJA PUBBLIKA – INVESTIMENT ADDIZZJONALI GĦAT-TKABBIR U MMODERNIZZAR

4653. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'investimenti addizzjonali fl-immodernizzar u tkabbir ser isiru din is-sena fil-Biċċerija Pubblika?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-investiment fil-Biċċerija Pubblika huwa wieħed kontinwu u jinkludi titjib fl-infrastruttura u t-tagħmir, tisħiħ tas-saħħa u s-sigurtà, kif ukoll investimenti maħsuba biex ikomplu jsaħħu u jimmodernizzaw il-kapaċitajiet tal-Biċċerija.
Matul din is-sena ser tkompli l-ħidma fuq diversi proġetti, inkluż investimenti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiġu kkonsolidati l-investimenti li saru fis-snin li għaddew.

Seduta Numru 44
23/11/2026

BIĊĊERIJA PUBBLIKA – QATLA TAS-SUMMIEN

4654. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta l-Biċċerija Pubblika ser tibda tagħti s-servizz speċjalizzat għall-qatla tas-summien?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan is-servizz huwa miżura tal-Manifest Elettorali tal-Gvern u l-impenn huwa li din tiġi implimentata matul din il-leġiżlatura.

Seduta Numru 44
23/11/2026

IRZIEZET ABBANDUNATI – ALLOKAZZJONI

4655. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew allokati rziezet abbandunati lir-raħħala ġodda u/jew oħrajn li jridu jespandu l-operat tagħhom sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'inċentivi ngħataw lil dawn ir-raħħala sabiex jirriġeneraw dawn l-irziezet? Jista' jgħid ukoll kemm raħħala gawdew minn din l-inizjattiva u kemm minnhom huma raħħala żgħażagħ?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li din l-inizjattiva hija miżura tal-Manifest Elettorali li ser tiġi implimentata matul din il-leġiżlatura. Il-ħidma preparatorja meħtieġa sabiex din il-miżura titwettaq għadha għaddejja.

Seduta Numru 44
23/11/2026

IRZIEZET FUQ ART TAL-GVERN – PROĊESS GĦAT-TITOLU

4656. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta l-Awtorità tal-Artijiet se tniedi l-proċess sabiex tagħti titolu lir-raħħala li għandhom irziezet fuq art tal-Gvern u jixtiequ jkomplu jaraw dawn l-irziezet użati fil-futur, inkluż minn membri tal-familja li jkollhom l-istess mestier?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

LAĦAM U BAJD TAT-TIĠIEĠ LOKALI – IDENTIFIKAZZJONI ĊARA

4657. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta ser tiġi introdotta l-identifikazzjoni ċara għal-laħam u bajd tat-tiġieġ lokali, biex kemm il-konsumatur kif ukoll ir-raħħala jiġu protetti minn kompetizzjoni inġusta u frodi fl-ikel?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-introduzzjoni ta' identifikazzjoni aktar ċara għal-laħam u l-bajd tat-tiġieġ lokali hija miżura tal-Manifest Elettorali li ser tiġi implimentata matul din il-leġiżlatura**,** bil-għan li tissaħħaħ it-trasparenza għall-konsumatur u tingħata aktar protezzjoni lill-prodott lokali. Sadattant, l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel tkompli twettaq spezzjonijiet u kontrolli fuq it-tikkettar u t-traċċabbiltà tal-prodotti sabiex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti legali u tieħu l-miżuri meħtieġa fejn jiġu identifikati nuqqasijiet.

Seduta Numru 44
23/11/2026

ART BISWIT PROPRJETÀ – ENTITÀ RESPONSABBLI

4700. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid taħt liema entità taqa' r-responsabbiltà tal-art biswit il-proprjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

30/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bil-għan illi l-informazzjoni tkun waħda preċiża u korretta, l-Onor. Interpellant qiegħed jiġi mitlub jipprovdi site plan li tindika il-post preċiż imsemmi.

Seduta Numru 44
23/11/2026

TA' QALI – PARK NAZZJONALI – ĠWIEBI GĦALL-ILMA TAX-XITA

4701. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew mibnija, jew għadhom qed jinbnew, ġwiebi għall-ħażna tal-ilma tax-xita fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali? Tista' wkoll tindika l-kapaċità tal-ħażna tal-ilma u l-ispiża għal kull ġiebja?

30/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li sa issa nbniet ġiebja kbira li tinsab fl-ispazju taż-żona tal-Kunċerti. Din il-ġiebja tesa' biżżejjed ilma biex tissaqqa l-istess żona.

Se jsiru ġwiebi oħrajn u ser toħroġ sejħa għal offerti għal dan. Dawn il-ġwiebi ġodda għandom skop ewlieni sabiex jiġbru l-ilma tax-xita u jtaffu l-problemi ta' għargħar li kien hemm ġewwa Ta' Qali fil-passat, bl-għan li l-ilma jintuża għal tisqija f'postijiet pubbliċi.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MANOEL ISLAND – XOGĦLIJIET

5235. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'miżuri speċifiċi qed jittieħdu fl-ewwel stadju tax-xogħlijiet f'Manoel Island biex jitjieb l-aċċess u biex is-sit isir aktar sigur?

10/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5225.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MANOEL ISLAND – AĊĊESS GĦALL-PUBBLIKU

5236. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-pubbliku għandux aċċess għal Manoel Island waqt li x-xogħlijiet ta' tindif u manutenzjoni jkunu għaddejjin, u jekk iva, għal liema żoni?

10/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5225.

Seduta Numru 44
23/11/2026

DIVIŻJONI GĦAT-TINDIF U L-MANUTENZJONI U PROJECT GREEN – XOGĦLIJIET F'MANOEL ISLAND

5237. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm hi l-ispiża tad-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni fl-ewwel stadju tax-xogħlijiet f'Manoel Island, taħt liema vot tal-Baġit qed titħallas, u kif qed jinqasmu x-xogħlijiet bejn id-Diviżjoni u Project Green?

10/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmata li d-Divżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni qed tieħu ħsieb it-tindif u l-ġbir ta' skart minn Manoel Island, filwaqt li Project Green qed tieħu ħsieb servizzi ta' żbir ta' siġar. F'dan l-istadju, infurmata li mhux possibbli li tkun kwantifikata l-ispiża totali marbuta ma' din l-ewwel fażi.

Seduta Numru 44
23/11/2026

DIVIŻJONI GĦAT-TINDIF U L-MANUTENZJONI – TINDIF U MANUTENZJONI TA' MANOEL ISLAND

5238. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk id-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni qabbditx xi kuntratturi privati għax-xogħlijiet f'Manoel Island, inkluż għall-kiri ta' makkinarju jew għat-tneħħija tal-iskart? Jekk iva, tista' tgħid min huma, il-valur ta' kull kuntratt u l-proċess ta' akkwist li ntuża, jiġifieri jekk kienx permezz ta' sejħa għall-offerti, kwotazzjonijiet jew ordni diretta?

10/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li kienu segwiti l-proċeduri applikabbli tal-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MANOEL ISLAND – STRUTTURI MHUX AWTORIZZATI

5239. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew identifikati strutturi mhux awtorizzati, inklużi kmamar mibnija illegalment, f'Manoel Island, u fejn jinsabu?

10/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata li sal-ħin li qed nipprovdi din it-tweġiba, id-Divizjoni għat-Tindif u Manutenzjoni identifikaw żewġ kmamar mibnija illegalment bil-ġebel tas-sejjieħ u bricks fiż-żona biswit ix-xatt.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MANOEL ISLAND – SKART

5240. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm skart, inklużi materjali tal-metall, blokki tal-ġebel u blokki tal-konkrit, tneħħa s'issa minn Manoel Island, u fejn qed jintrema?

10/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata li sal-ħin li qed nipprovdi din it-tweġiba, id-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni neħħiet 43.36 tunellata ta' skart. Dan intrema ġewwa l-landfill tal-Magħtab. Tneħħew ukoll 286 blokka tal-konkrit b'total ta' 551.7 tunnellata. Parti minn dawn il-blokki ħa jkunu rilokati skont il-ħtieġa.

Seduta Numru 44
23/11/2026

STUDENTI UNIVERSITARJI GĦAWDXIN – TEACHING PRACTICE FI SKEJJEL F'GĦAWDEX

5257. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-istudenti Għawdxin li qed isegwu kors universitarju sabiex jiggradwaw bħala għalliema jistgħux jingħataw l-opportunità sabiex iwettqu t-teaching practice meħtieġ bħala parti mill-kors tagħhom fi skejjel f'Għawdex stess, sabiex jitnaqqsu l-piż u l-iskariġġ tal-ivvjaġġar bejn iż-żewġ gżejjer? Jekk le, jista' jispjega r-raġunijiet għal dan?

10/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Fakultà tal-Edukazzjoni fi ħdan l-Università ta' Malta tagħmel ħilitha sabiex l-istudenti tal-Baċellerat bl-Unuri u tal-Master in Teaching and Learning (MTL) ikollhom l-opportunità li jagħmlu l-Practicum fi skejjel viċin il-lokalità tar-residenza tagħhom, filwaqt li jesperjenzaw ukoll ambjenti edukattivi u setturi differenti.
Fir-rigward tal-istudenti Għawdxin, infurmat li il-Fakultà tipprova tiżgura li jagħmlu mill-inqas perjodu wieħed ta' Teaching Practice f'Għawdex.
Madankollu, ninsab infurmat li esperjenza fi skejjel f'Malta hija meqjusa bħala neċessarja mill-aspett pedagoġiku u professjonali, sabiex l-istudenti jesperjenzaw kuntesti, istituzzjonijiet u ambjenti edukattivi differenti.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-IMĠARR, GĦAWDEX – FAST FERRY TERMINAL – NEFQA FUQ TINDA

5269. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4167 u jgħid kemm kienet in-nefqa jew kemm qed tiġi tiswa t-tinda għall-passiġġieri tal-Fast Ferry fl-Imġarr, Għawdex, fuq ir-rotta Mġarr-Buġibba-Sliema?

11/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

SERVIZZ TA' PROFESSJONISTI MEDIĊI GĦAL STUDENTI B'KUNDIZZJONI MEDIKA/DIŻABILITÀ FIŻIKA

5369. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: B'referenza għall-istqarrija maħruġa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport dwar l-introduzzjoni ta' servizz ta' professjonisti mediċi għal studenti b'kundizzjoni medika jew diżabilità fiżika li ma għandhomx diffikultajiet fit-tagħlim, jista' l-Ministru jgħid liema kategoriji ta' professjonisti mediċi ser ikunu qed jipprovdu dan is-servizz fl-iskejjel, xi kwalifiki ser ikunu meħtieġa u jekk dawn il-professjonisti humiex ser ikunu impjegati direttament mill-Ministeru jew permezz ta' kuntratturi esterni?

12/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif ġie spjegat waqt is-seduta Parlamentari datata 11 ta' Novembru ser isiru bidliet favur a needs based approach. Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-professjonisti se jkunu ngaġġati skont il-ħtieġa u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport qed jikkollabora mal-Ministeru għas-Saħħa bil-għan li jintużaw ftehimiet eżistenti, inkluż mas-settur privat, biex dan is-servizz ikun jista' jingħata. Irrid inkun ċar li r-riżorsi li se jintużaw fl-iskejjel se jkunu riżorsi addizzjonali u mhu se nieħdu ebda riżorsi li bħalissa jaqdu lis-settur tas-saħħa.

Seduta Numru 44
23/11/2026

SERVIZZ TA' ASSISTENZA MINN PROFESSJONISTI MEDIĊI FL-ISKEJJEL

5370. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid f'liema ħinijiet ser ikun disponibbli s-servizz ta' assistenza minn professjonisti mediċi fl-iskejjel? Jista' jgħid ukoll jekk dan is-servizz hux ser ikun disponibbli matul il-ħin kollu tal-iskola, inkluż waqt il-ħin tal-break u l-attivitajiet skolastiċi?

12/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għal tweġiba parlamentari numru 5369.

Seduta Numru 44
23/11/2026

SERVIZZ TA' PROFESSJONISTI MEDIĊI GĦAL STUDENTI B'KUNDIZZJONI MEDIKA/DIŻABILITÀ FIŻIKA

5371. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-servizz ta' professjonisti mediċi għal studenti b'kundizzjoni medika jew diżabilità fiżika li ma għandhomx diffikultajiet fit-tagħlim hux ser jibda jiġi introdott fl-iskejjel primarji jew sekondarji, u jekk hux ser ikun hemm pjan ta' implimentazzjoni gradwali għall-iskejjel kollha? Jekk iva, jista' jagħti d-dettalji ta' dan il-pjan?

12/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-ħsieb hu li l-introduzzjoni gradwali tas-servizz tkopri kemm il-primarji kif ukoll is-sekondarji.

Seduta Numru 44
23/11/2026

STUDENTI MINN BARRA L-UE – ŻIEDA FIL-MIŻATI TAL-VISAS U TAL-PERMESSI TA' RESIDENZA

5372. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx analiżi tal-impatt qabel ma ġiet deċiża ż-żieda fil-miżati tal-visas u tal-permessi ta' residenza għall-istudenti minn barra l-Unjoni Ewropea, u jekk iva, iqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

12/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkoncernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

STUDENTI MINN BARRA L-UE – ŻIEDA FIL-MIŻATI TAL-VISAS U TAL-PERMESSI TA' RESIDENZA

5373. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx analiżi tal-impatt qabel ma ġiet deċiża ż-żieda fil-miżati tal-visas u tal-permessi ta' residenza għall-istudenti minn barra l-Unjoni Ewropea, u jekk iva, iqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

12/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-Mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

STUDENTI MINN BARRA L-UE – ŻIEDA FIL-MIŻATI TAL-VISAS U TAL-PERMESSI TA' RESIDENZA

5374. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx analiżi tal-impatt qabel ma ġiet deċiża ż-żieda fil-miżati tal-visas u tal-permessi ta' residenza għall-istudenti minn barra l-Unjoni Ewropea, u jekk iva, iqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

12/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħal kwalunkwe miżura li tittieħed fil-Baġit, ikunu saru d-diskussjonijiet meħtieġa mall-partijiet konċernati.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-ISPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX - HYPERBARIC CHAMBER - SPIŻA

5378. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kienet l-ispiża totali tal-Hyperbaric Chamber il-ġdida fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u kemm ingħataw trattamenti fiha minn meta bdiet titħaddem sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma bejn trattamenti għal każijiet urġenti relatati mal-għads u trattamenti għal pazjenti b'kundizzjonijiet mediċi mhux relatati mal-għads?

12/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Hyperbaric Chamber il-ġdida fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, b'kapaċità ta' sitt persuni, qed tinkera għal perjodu inizjali ta' tliet snin, bil-possibbiltà ta' estensjoni għal żewġ perjodi oħra ta' tnax-il xahar kull wieħed. L-ispiża massima tal-kirja għall-ħames snin hija ta' €1,175,841.54 u hija ffinanzjata mill-fondi tal-Eco Tax, allokati mit-Tourism Projects Advisory Committee. Minn meta bdiet titħaddem f'Mejju 2026 sal-15 ta' Novembru 2026, ingħataw 32 trattament għal każijiet urġenti relatati mal-għadis u 177 trattament għal pazjenti b'kundizzjonijiet mediċi oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MOĦQRIJA/TRATTAMENT ĦAŻIN TAL-ANNIMALI – RAPPORTI

5391. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm daħlu rapporti dwar allegat moħqrija jew trattament ħażin tal-annimali matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid ukoll kemm minn dawn ir-rapporti ġew investigati, kemm wasslu għal azzjoni amministrattiva u kemm ġew riferuti lill-Pulizija?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – UFFIĊJALI

5392. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm uffiċjali tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali li jwettqu spezzjonijiet u infurzar? Tista' tgħid ukoll kemm hemm postijiet tax-xogħol li jinsabu vakanti u jekk hemmx ħsieb biex jiżdiedu dawn ir-riżorsi?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – RAPPORTI TA' EMERĠENZA – ĦIN MEDJU TA' RISPOSTA

5393. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'kien il-ħin medju ta' risposta tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali għal rapporti ta' emerġenza matul l-2025 u l-2026, u kemm każijiet kellhom jistennew aktar minn sagħtejn għall-assistenza?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

TA' QALI – PROĠETT TAL-ISPTAR TAL-ANNIMALI

5394. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsab il-proġett tal-Isptar tal-Annimali f'Ta' Qali, kemm intefqu flus pubbliċi fuqu sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u x'inhi d-data prevista għall-ftuħ tiegħu?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: B'żieda mat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2331, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport u s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Ħarsien tal-Annimali qegħdin jaħdmu flimkien biex jiġu finalizzati l-aspetti operattivi u tekniċi kollha meħtieġa għall-ftuħ tal-Isptar Veterinarju Nazzjonali f'Ta' Qali.
Fl-istess ħin, il-proċessi kuntrattwali u ta' akkwist marbuta mal-operat tal-Isptar qegħdin jimxu 'l quddiem, bil-għan li l-arranġamenti meħtieġa jiġu konklużi bl-aktar mod effettiv. Aktar dettalji dwar il-ftuħ jingħataw fiż-żmien opportun, hekk kif dawn il-proċessi javvanzaw.
Rigward l-ispiża, ix-xogħlijiet ta' rinnovar twettqu mill-MCAST, u l-ispejjeż relatati għadhom fil-proċess li jiġu finalizzati u ċertifikati.

Seduta Numru 44
23/11/2026

PROĠETT TAĊ-ĊENTRU L-ĠDID GĦAŻ-ŻAMMA U L-ADDOZZJONI TAL-ANNIMALI ABBANDUNATI

5395. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsab il-proġett ta' ċentru ġdid għaż-żamma u l-adozzjoni tal-annimali abbandunati? Tista' tgħid ukoll liema sit intgħażel, x'inhu l-budget u meta hu ppjanat li jibda jopera?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sit identifikat għall-proġett taċ-Ċentru l-Ġdid għaż-Żamma u l-Adozzjoni tal-Annimali Abbandunati jinsab is-Siġġiewi. Matul din is-sena, d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali qed jiffoka fuq diversi proġetti u inizjattivi oħrajn. Il-proposta għal dan iċ-ċentru hija prevista li tiġi diskussa aktar 'il quddiem, sabiex ikunu jistgħu jiġu kunsidrati l-aspetti relevanti kollha marbuta mal-implimentazzjoni ta' dan il-proġett.

Seduta Numru 44
23/11/2026

IL-FGURA – SERVIZZ TAL-KLINIKA VETERINARJA

5396. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna użat is-servizz tal-Klinika ta' Emerġenza Veterinarja ġewwa l-Fgura minn meta nfetħet? Tista' tgħid ukoll kemm minn dawn il-każijiet ġew trattati bħala emerġenza u kemm ma kenux? Tista' tgħid ukoll kemm tħallsu flus għal dawk il-każijiet li ma ġewx aċċettati bħala każijiet ta' emerġenza?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4609.

Seduta Numru 44
23/11/2026

SERVIZZ TAL-ELETTRIKU FID-DJAR – QTUGĦ MINĦABBA NUQQAS TA' ĦLAS

5400. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm djar li nqatgħalhom is-servizz tal-elettriku minħabba nuqqas ta' ħlas matul is-sena 2025, maqsuma lokalità b'lokalità?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Iterpellanta li qabel jiġi sospiż is-servizz, il-kumpanija ARMS tibgħat ittra u anke tagħmel kuntatt mal-konsumatur permezz tat-telefon. F'każ li dan ma jkunx f'pożizzjoni li jħallas il-pendenzi li jkollu f'daqqa, l-kumpanija toffrilu l-possibbiltà li jiffirma kuntratt biex iħallas l-arretrati b'rati mensili. Kemm-il darba mbagħad jibqa' ma jħallasx il-kontijiet li jkunu pendenti, l-ARMS ma jkollhiex triq oħra għajr dik li jiġi sospiż is-servizz, bħala l-aħħar riżorsa.
Barra minn hekk, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal permezz tal-iskema Benefiċċju tal-Enerġija joffri għajnuna fil-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma lill-familji bi dħul baxx jew li jkollhom każ soċjali. Qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

SERVIZZ TAL-ILMA FID-DJAR – QTUGĦ MINĦABBA NUQQAS TA' ĦLAS

5401. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm djar li nqatgħalhom is-servizz tal-ilma minħabba nuqqas ta' ħlas matul is-sena 2025, maqsuma lokalità b'lokalità?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Iterpellanta li qabel jiġi sospiż is-servizz, il-kumpanija ARMS tibgħat ittra u anke tagħmel kuntatt mal-konsumatur permezz tat-telefon. F'każ li dan ma jkunx f'pożizzjoni li jħallas il-pendenzi li jkollu f'daqqa, l-kumpanija toffrilu l-possibbiltà li jiffirma kuntratt biex iħallas l-arretrati b'rati mensili. Kemm-il darba mbagħad jibqa' ma jħallasx il-kontijiet li jkunu pendenti, l-ARMS ma jkollhiex triq oħra għajr dik li jiġi sospiż is-servizz, bħala l-aħħar riżorsa.
Barra minn hekk, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal permezz tal-iskema Benefiċċju tal-Enerġija joffri għajnuna fil-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma lill-familji bi dħul baxx jew li jkollhom każ soċjali. Qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

RAPPORTI DWAR PICKPOCKETING – SENA 2026

5402. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati reati ta' pickpocketing matul is-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma lokalità b'lokalità?

13/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija kif indikat hawn taħt. Din tkopri sal-aħħar t'Ottubru.

Lokalità	Total
ATTARD	3
BIRGU	2
BIRKIRKARA	1
BIRZEBBUGIA	2
FLORIANA	4
GUDJA	2
GZIRA	14
HAMRUN	2
IKLIN	1
KALKARA	1
LUQA	2
MARSA	2
MARSAXLOKK	6
MDINA	6
MELLIEHA	4
MGARR	2
MOSTA	2
MSIDA	5
MUNXAR - GHAWDEX	1
NADUR - GHAWDEX	1
NAXXAR	2
PEMBROKE	1
RABAT	10
RABAT - GHAWDEX	5
SAN GILJAN	109
SAN GWANN	1
SAN PAWL IL-BAHAR	5
SIGGIEWI	4
SLIEMA	26
SWIEQI	2
TA' XBIEX	1
VALLETTA	70
ZABBAR	2
ZEBBUG	1

Seduta Numru 44
23/11/2026

RAPPORTI DWAR PICKPOCKETING – SENA 2025

5403. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati reati ta' pickpocketing matul is-sena 2025, maqsuma lokalità b'lokalità?

13/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija kif indikat hawn taħt:

Lokalità	Total
ATTARD	6
BIRGU	1
BIRKIRKARA	1
BORMLA	2
FLORIANA	4
GHAJNSIELEM - GHAWDEX	5
GUDJA	3
GZIRA	14
HAMRUN	6
LUQA	5
MARSA	5
MARSASKALA	3
MARSAXLOKK	9
MDINA	11
MELLIEHA	4
MOSTA	7
MSIDA	5
MUNXAR - GHAWDEX	1
N/A (mhux lokali)	1
NAXXAR	1
PAOLA	3
QORMI	2
RABAT	12
RABAT - GHAWDEX	5
SAFI	1
SAN GILJAN	169
SAN GWANN	3
SAN LAWRENZ - GHAWDEX	1
SAN PAWL IL-BAHAR	20
SANTA VENERA	1
SIGGIEWI	3
SLIEMA	27
TA' XBIEX	2
VALLETTA	43
ZABBAR	2
ZEBBUG	4
ZEJTUN	1
ZURRIEQ	1

Seduta Numru 44
23/11/2026

RAPPORTI DWAR PICKPOCKETING – SENA 2024

5404. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati reati ta' pickpocketing matul is-sena 2024, maqsuma lokalità b'lokalità?

13/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija kif indikat hawn taħt:

Lokalità	Total
ATTARD	2
BIRGU	1
BIRKIRKARA	1
BIRZEBBUGIA	1
BORMLA	2
FGURA	2
FLORIANA	6
GUDJA	3
GZIRA	3
HAMRUN	2
IKLIN	2
LUQA	2
MARSA	3
MARSASKALA	2
MARSAXLOKK	9
MDINA	25
MELLIEHA	1
MOSTA	4
MSIDA	3
N/A (mhux lokali)	3
NADUR - GHAWDEX	1
NAXXAR	1
PAOLA	3
PEMBROKE	2
PIETA'	2
QORMI	2
RABAT	8
RABAT - GHAWDEX	1
SAN GILJAN	475
SAN PAWL IL-BAHAR	18
SANTA VENERA	1
SIGGIEWI	1
SLIEMA	17
SWIEQI	1
TA' XBIEX	3
TARXIEN	1
VALLETTA	31
ZEBBUG	3
ZEJTUN	2

Seduta Numru 44
23/11/2026

RAPPORTI DWAR PICKPOCKETING – SENA 2023

5405. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati reati ta' pickpocketing matul is-sena 2023, maqsuma lokalità b'lokalità?

13/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija kif indikat hawn taħt:

Lokalità	Total
ATTARD	2
BIRGU	1
BIRKIRKARA	4
FLORIANA	8
GHAJNSIELEM - GHAWDEX	2
GUDJA	2
GZIRA	3
HAMRUN	4
KIRKOP	1
LUQA	4
MARSA	1
MARSASKALA	1
MARSAXLOKK	16
MDINA	12
MELLIEHA	7
MGARR	1
MOSTA	6
MSIDA	9
N/A (mhux lokali)	2
NADUR - GHAWDEX	1
PAOLA	3
PIETA'	4
QORMI	2
RABAT	3
RABAT - GHAWDEX	2
SAN GILJAN	230
SAN GWANN	1
SAN PAWL IL-BAHAR	13
SANTA VENERA	1
SLIEMA	21
TA' XBIEX	1
VALLETTA	29
ZABBAR	2
ZEBBUG	4
ZURRIEQ	2

TENDERS GĦAL SINJALI TAT-TRAFFIKU – KUMPANIJI/KOPERATTIVI

5414. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4191 u jagħti lista ta' kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku, matul l-aħħar ħames snin?

16/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku matul l-aħħar ħames snin huma dawn segwenti: B. Grima & Sons; 5H Ltd, Koperattiva tat-tabelli u sinjali – Koptasin; u Road Technologies Ltd.

Seduta Numru 44
23/11/2026

TRANSPORT MALTA – TQEGĦID TA' SINJALI TAT-TRAFFIKU ĠODDA – NEFQA

5415. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4190 u jgħid kemm nefqet flus Transport Malta fit-tqegħid ta' sinjali tat-traffiku ġodda matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

16/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

TENDERS GĦAL SINJALI TAT-TRAFFIKU – KUMPANIJI/KOPERATTIVI – KSUR TAL-KUNTRATTI

5416. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4189 u jgħid jekk f'dawn l-aħħar ħames snin qatt ittieħdux passi kontra l-kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku għal xi ksur tal-kuntratti?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

TENDERS GĦAL SINJALI TAT-TRAFFIKU – KUMPANIJI/KOPERATTIVI – ĦLASIJIET

5417. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4187 u jgħid kemm tħallset kull waħda mill-kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

TENDERS GĦAL SINJALI TAT-TRAFFIKU – KUMPANIJI/KOPERATTIVI

5418. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4186 u jagħti lista ta' kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku, matul l-aħħar ħames snin?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MARSASKALA – TAL-FAJTATA – PARKEĠĠ – XOGĦLIJIET

5419. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3516 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 983 dwar ix-xogħol imwettaq minn Infrastructure Malta fil-parkeġġ tal-Fajtata, f'Marsaskala fejn intqal li "fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u tal-proċessi li għadhom għaddejjin, ma jkunx xieraq, li f'dan l-istadju, tiġi preġudikata l-pożizzjoni legali tal-Aġenzija dwar il-materja inkwistjoni" u tat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1449 fejn intqal li "fuq l-art inkwistjoni ma sar l-ebda espropju", jista' l-Ministru jagħti aġġornamenti fuq il-proċeduri legali msemmija?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-proċeduri legali relatati mal-art inkwistjoni għadhom għaddejjin.

Seduta Numru 44
23/11/2026

RAĦAL ĠDID – UCA – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL ŻVILUPP TA' GĦAXAR UNITAJIET RESIDENZJALI JEW AKTAR

5425. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati applikazzjonijiet għall-iżvilupp ta' għaxar unitajiet residenzjali jew aktar f'żoni ta' konservazzjoni urbana (UCA) f'Raħal Ġdid, lill-Awtorità tal-Ippjanar, bejn l-2022 u l-2026? Jista' wkoll jagħti lista ta' dawn l-applikazzjonijiet, bin-numru ta' referenza, in-numru ta' unitajiet residenzjali proposti u jekk kull applikazzjoni ġietx approvata, rifjutata jew għadhiex pendenti?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MEDJATURI – IMPJEGATI GĦALL-ASSISTENZA

5426. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fid-dawl taż-żieda fin-numru ta' medjaturi, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx biżżejjed impjegati amministrattivi u staff ta' appoġġ biex jassistu, jikkoordinaw u jieħdu ħsieb il-ħidma ta' dawn il-medjaturi? Jekk iva, kemm hemm impjegati assenjati għal dan il-għan, u jekk le, x'miżuri qed jittieħdu biex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed riżorsi umani?

16/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Filwaqt li ninforma lill-Onor.Interpellant li l-Medjatur jaħdem b'mod indipendenti fuq il-każ li jkun ġie assenjat lilu, hemmukoll 4 impjegati fi gradi differenti u cioe assistant manager, senior clerk u żewġ clerks li d-dmirijiet tagħhom huma relatati ma' xogħol amministrattiv fil-sezzjoni tal-medjazzjonijiet.
Riċentement ħarġet ukoll sejħa għal applikazzjonijiet għal pożizzjoni ta' Mediation Coordinator sabiex tiġi ristrutturata aħjar is-sezzjoni tal-medjazzjonijiet kif ukoll tiġi onorata id-dispożizzjoni tal-liġi li daħlet fis-seħħ riċentement fejn teżiġi li amministrattivament il-medjazzjonijiet ikunu sorveljati minn koordinatur.

Seduta Numru 44
23/11/2026

UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI – KAŻIJIET IMRESSQA FIL-QRATI KRIMINALI

5440. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu każijiet mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fil-Qrati Kriminali, kemm fil-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-Qorti Kriminali, f'dawn l-aħħar tliet snin? Jista' jgħid ukoll x'kienu l-akkużi ewlenin f'dawn il-każijiet?

16/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

ĠURIJIET LI WASSLU GĦAL KUNDANNA

5441. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ġurijiet li wasslu għal kundanna f'dawn l-aħħar tliet snin? Jista' jgħid ukoll x'kienet il-piena imposta mill-qrati f'dawn il-każijiet?

16/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI – TAĦRIĠ

5442. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm sar taħriġ lill-avukati tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali f'dawn l-aħħar tliet snin? Jista' jgħid ukoll f'liema setturi sar it-taħriġ u kif jiġi deċiż x'taħriġ jingħata lill-avukati?

16/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn l-2023 u l-2025, l-avukati tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali pparteċipaw f'numru ta' attivitajiet ta' taħriġ f'oqsma differenti relatati max-xogħol tagħhom, kif ġej:

2023
Saru 99 attività ta' taħriġ. It-taħriġ kien ikopri, fost oqsma oħra, il-ħasil tal-flus, l-irkupru u l-konfiska tal-assi, it-traffikar tal-bnedmin, iċ-ċiberkriminalità u l-evidenza diġitali, l-intelliġenza artifiċjali, il-protezzjoni tad-data, ix-xjenza forensika, il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn pajjiżi differenti, il-liġi kriminali internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem.

2024
Saru 103 attivitajiet ta' taħriġ. It-taħriġ kien ikopri, fost oqsma oħra, il-kriminalità finanzjarja, iċ-ċiberkriminalità u l-kriptoassi, il-korruzzjoni, il-ħiliet ta' argumentazzjoni quddiem il-Qorti u t-taħdit fil-pubbliku, ir-reati relatati mad-droga, it-traffikar tal-bnedmin, ir-reati kontra l-ambjent u l-wirt kulturali, kif ukoll il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza sesswali.
2025
Saru 106 attivitajiet ta' taħriġ. It-taħriġ kien ikopri, fost oqsma oħra, il-kriminalità finanzjarja u s-sanzjonijiet, it-teknoloġija diġitali u l-intelliġenza artifiċjali, inklużi ċ-ċiberkriminalità u r-reati relatati mal-kriptoassi, it-traffikar tal-bnedmin, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza sesswali, il-korruzzjoni, il-ħiliet ta' argumentazzjoni quddiem il-Qorti u t-taħdit fil-pubbliku, kif ukoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu.
Fir-rigward ta' kif jiġi deċiż liema taħriġ jingħata, kull sena ssir analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-membri kollha tal-istaff tal-Uffiċċju. Permezz ta' din l-analiżi jiġu identifikati l-oqsma fejn ikun hemm bżonn ta' aktar taħriġ. L-Ufficcju ippartecipa fi progett tat-TSI intitolat '**Attorney General and State Advocate in Malta – Implementation of action plan of offices reorganisation'** fejn bhala parti mill-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni gie konkluz dokument bi 'Professional Development Plan and Training Curricula'.
Barra minn hekk, matul is-sena jiġu segwiti l-ħtiġijiet tal-avukati, il-progress tagħhom fix-xogħol u d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' taħriġ adattat.
Isiru wkoll laqgħat informali bejn l-avukati li jaħdmu fl-istess oqsma ta' speċjalizzazzjoni. Dawn il-laqgħat jagħtuhom l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom u jindikaw x'taħriġ ikun meħtieġ fil-qasam tagħhom.
B'dan il-mod, it-taħriġ mogħti jkun marbut mal-ħtiġijiet tax-xogħol tal-Uffiċċju u mal-iżvilupp professjonali tal-avukati tiegħu."

Seduta Numru 44
23/11/2026

KAŻIJIET DWAR FTEHIM DWAR L-AMMISSJONI TAL-ĦTIJA

5443. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet dwar ftehim dwar l-ammissjoni tal-ħtija (plea bargaining), matul l-aħħar sena? Jista' jgħid ukoll x'kien l-eżitu ta' dan il-ftehim u x'kienet il-kundanna f'kull każ?

16/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

PROFESSJONISTI LEGALI U STAFF AMMINISTRATTIV

5444. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu professjonisti legali u staff amministrattiv f'dawn l-aħħar tliet snin? Jista' jgħid ukoll kemm telqu professjonisti legali mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, f'dawn l-aħħar tliet snin? Minn dawn, kemm minnhom avvanzaw il-karriera tagħhom fil-qrati ta' Malta?

16/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sas-17 ta' Novembru 2026.

Seduta Numru 44
23/11/2026

UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI – INVESTIMENT

5445. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jispjega x'investiment sar fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, f'termini ta' riżorsi finanzjarji u riżorsi umani, f'dawn l-aħħar sitt snin, maqsuma sena b'sena?

16/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tingħabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

RAPPORT IMĦEJJI MILL-MINISTRU TAL-FINANZI DWAR L-IMPATT TAŻ-ŻIEDA FIL-POPOLAZZJONI

5460. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk, wara li sar jaf bl-eżistenza tar-rapport imħejji mill-Ministru tal-Finanzi fl-2018 dwar l-impatt taż-żieda fil-popolazzjoni fuq pajjiżna, talabx kopja ta' dan ir-rapport mingħand il-Ministru tal-Finanzi jew mingħand l-eks Prim Ministru? Jekk iva, jista' jgħid mingħand min talbu, meta talbu, jekk ingħatax kopja tiegħu u jekk qrahx? Jekk ma talabx kopja tiegħu, jista' jispjega għaliex?

16/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: L-Uffiċċju tal-Prim Ministru ma sab l-ebda oġġezzjoni biex jiġi ppubblikat dan ir-rapport. Fil-fatt ir-rapport se jiġi ppubblikat fil-jiem li ġejjin. Din il-pożizzjoni hija riflessa fil-kummenti li tajt pubblikament u kif weġibt dwar din il-materja minn meta ġejt mistoqsi l-ewwel darba.

Seduta Numru 44
23/11/2026

RAPPORT IMĦEJJI MILL-MINISTRU TAL-FINANZI DWAR L-IMPATT TAŻ-ŻIEDA FIL-POPOLAZZJONI

5461. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk, wara li sar jaf bl-eżistenza tar-rapport imħejji mill-Ministru tal-Finanzi fl-2018 dwar l-impatt taż-żieda fil-popolazzjoni fuq pajjiżna, talabx kopja ta' dan ir-rapport mingħand il-Ministru tal-Finanzi jew mingħand l-eks Prim Ministru? Jekk iva, jista' jgħid mingħand min talbu, meta talbu, jekk ingħatax kopja tiegħu u jekk qrahx? Jekk qrah, jista' jgħid jekk jaqbilx mal-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport? Jekk ma jaqbilx, jista' jispjega ma' liema konklużjonijiet ma jaqbilx u għaliex? Jekk ma talabx kopja tar-rapport, jista' jispjega għaliex?

16/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5460.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – RILOKAZZJONI TAL-POMPA TAL-PETROL FL-IMĠARR – TREĠĠIGĦ LURA TAD-DEĊIŻJONI

5462. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu r-raġunijiet tekniċi, legali u ta' ippjanar li wasslu lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex treġġa' lura d-deċiżjoni preċedenti tagħha dwar il-permess għar-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol fl-Imġarr, Malta? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapporti, tal-pariri legali u tad-dokumenti kollha li fuqhom kienet ibbażata din id-deċiżjoni?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

RILOKAZZJONI TAL-POMPA TAL-PETROL FL-IMĠARR – PERMESS – LEGALITÀ U VALIDITÀ

5463. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-permess relatat mar-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol fl-Imġarr, Malta huwiex legalment validu u fis-seħħ? Jista' jispeċifika taħt liema dispożizzjonijiet legali u regolamenti tal-ippjanar inħareġ jew reġa' sar effettiv dan il-permess, u jekk ittieħdux pariri legali dwar il-validità tiegħu?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – RILOKAZZJONI TAL-POMPA TAL-PETROL FL-IMĠARR

5464. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk bejn id-deċiżjoni oriġinali u dik sussegwenti dwar il-pompa tal-petrol fl-Imġarr, Malta, kienx hemm xi tibdil fil-policies tal-ippjanar, fil-liġijiet applikabbli jew fiċ-ċirkostanzi materjali tal-applikazzjoni? Jekk le, jista' jispjega fuq liema bażi ġiet iġġustifikata l-bidla fid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-IMĠARR – RILOKAZZJONI TAL-POMPA TAL-PETROL FL-IMĠARR – VOTAZZJONI

5465. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-membri tal-bord li pparteċipaw fid-deċiżjoni li permezz tagħha reġa' ngħata effett lill-permess relatat mal-pompa tal-petrol fl-Imġarr, Malta, kif ivvutaw, u jekk xi membru ddikjarax kunflitt ta' interess? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-minuti u r-rekord tal-votazzjoni?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-IMĠARR – RILOKAZZJONI TA' POMPA TAL-PETROL – L-IMPATT FUQ IS-SAĦĦA U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA TAR-RESIDENTI

5466. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk sarux studji dwar l-impatt li r-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol fl-Imġarr, Malta, jista' jkollha fuq is-saħħa, il-kwalità tal-arja, l-istorbju u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti? Jekk saru, tista' tippubblika r-riżultati tagħhom u tgħid x'miżuri ser jittieħdu sabiex jiġu protetti r-residenti?

16/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-IMĠARR – RILOKAZZJONI TA' POMPA TAL-PETROL – IS-SIGURTÀ FIT-TOROQ U Ż-ŻIEDA FIT-TRAFFIKU

5467. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk Transport Malta ġietx ikkonsultata dwar l-impatt li r-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol fl-Imġarr, Malta, jista' jkollha fuq it-traffiku, inkluż it-traffiku ta' vetturi tqal u tankers tal-fjuwil? Jista' jgħid ukoll jekk sarx Traffic Impact Assessment u jekk ġewx evalwati r-riskji għas-sewwieqa, għall-persuni mixjin u għar-residenti?

16/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

EXCESS MORTALITY U TEMPERATURE ATTRIBUTABLE MORTALITY

5477. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4445, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew irreġistrati mwiet żejda (excess mortality) u kemm ġew stmati mwiet attribwibbli għas-sħana (temperature-attributable mortality) matul il-perjodu bejn Ġunju u Settembru għal kull waħda mis-snin 2023, 2024, 2025 u 2026? Jista' wkoll jipprovdi dawn iċ-ċifri separatament, u fejn disponibbli, skont il-gruppi tal-età, partikolarment għal persuni ta' 65 sena jew aktar? Jista' jgħid ukoll jekk l-istimi prodotti mis-sistema ta' monitoraġġ introdotta fl-2024 humiex disponibbli għall-pubbliku u jekk iva, iqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, skont il-metodoloġija tal-EuroMOMO, il-mortalità eċċessiva marbuta ma' mewġiet ta' sħana naqset b'mod sostanzjali, minn 90 mewta fl-2023 għal 39 fl-2026, filwaqt li fl-2024 u fl-2025 ma ġiet irreġistrata l-ebda mortalità eċċessiva marbuta mas-sħana. L-awtoritajiet tas-saħħa joħorġu informazzjoni u gwida lill-pubbliku, partikolarment matul mewġiet ta' sħana, sabiex kulħadd, speċjalment il-persuni ta' 65 sena jew aktar, ikun jista' jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa.

Seduta Numru 44
23/11/2026

DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA – ŻJARAT ATTRIBWIBBLI GĦAS-SĦANA/KUNDIZZJONIJIET AGGRAVATI MINN TEMPERATURI ESTREMI

5478. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew irreġistrati żjarat fid-Dipartiment tal-Emerġenza, sejħiet għall-ambulanzi u ammissjonijiet fl-isptar attribwibbli għas-sħana jew għal kundizzjonijiet aggravati minn temperaturi estremi matul il-mewġiet ta' sħana identifikati fis-snin 2023, 2024, 2025 u 2026? Jista' jgħid ukoll jekk saritx valutazzjoni tal-effett ta' dawn il-mewġiet ta' sħana fuq il-persuni anzjani u dawk b'kundizzjonijiet mediċi kroniċi?

16/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sejħiet għall-ambulanza u l-attendenzi fid-Dipartiment tal-Emerġenza jiġu rreġistrati skont il-kundizzjoni medika rrappurtata, u mhux skont jekk humiex attribwibbli għas-sħana. Kif spjegat fit-tweġibiet għall-Mistoqsijiet Parlamentari 4444 u 4445, mill-2024 hemm fis-seħħ sistema nazzjonali ta' monitoraġġ tas-saħħa u l-mortalità matul is-sajf, li tintuża biex jiġi evalwat l-impatt tal-mewġiet ta' sħana, inkluż fuq persuni anzjani u b'kundizzjonijiet kroniċi.

Seduta Numru 44
23/11/2026

BATTERIJI TA' VETTURI ELETTRIĊI – REGOLAMENTAZZJONI

5479. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema awtorità hija responsabbli mir-regolamentazzjoni tat-trattament, il-ġbir, ir-riċiklaġġ u r-rimi tal-batteriji ta' vetturi elettriċi fi tmiem ħajjithom? Tista' tgħid ukoll jekk f'Malta jeżistux operaturi awtorizzati għal dan il-għan, x'obbligi għandhom il-produtturi u l-importaturi, u taħt liema ċirkostanzi jista' konsumatur jintalab iħallas għall-ġestjoni ta' batterija fi tmiem ħajjitha?

16/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1691 u 2323.

Seduta Numru 44
23/11/2026

TRABI MWIELDA F'MALTA – ĊITTADINANZA TAL-ĠENITURI

5480. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4447, 4448 u 4449, jista' l-Ministru jgħid jekk, minkejja li r-Reġistru Pubbliku mhuwiex obbligat jiġbor informazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tal-ġenituri meta jiġi rreġistrat twelid, din l-informazzjoni tinżammx minn Identità jew minn xi entità oħra taħt ir-responsabbiltà tiegħu? Jekk iva, jista' jgħid jekk jistax joħroġ statistika limitata tat-trabi mwielda f'Malta, maqsuma skont iċ-ċittadinanza tal-ġenituri, mingħajr ma tiġi żvelata informazzjoni personali?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-Reġistru Pubbliku mhuwiex legalment obbligat jirreġistra ċ-ċittadinanza tal-ġenituri jew tat-tarbija f'każ ta' notifika tat-twelid.

Seduta Numru 44
23/11/2026

PASSAPORTI MALTIN MAĦRUĠA

5481. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4452, li fiha ġie indikat li bejn Jannar u Ġunju 2026 inħarġu 28,882 passaport Malti, jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn kienu passaporti maħruġa għall-ewwel darba, kemm kienu tiġdid ta' passaporti eżistenti, u kemm inħarġu lil persuni li kienu kisbu ċ-ċittadinanza Maltija wara t-twelid?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni dwar Passaporti maħruġa għall-ewwel darba u Passaporti mġedda qiegħda tingħabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

ĊITTADINANZA MALTIJA PERMEZZ TA' NATURALIZZAZZJONI

5482. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna kisbet iċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni bejn Jannar u Ġunju 2026? Jista' wkoll jipprovdi tqassim skont iċ-ċittadinanza preċedenti tal-benefiċjarji, kif ukoll skont il-bażi legali li taħtha ngħatat iċ-ċittadinanza?

16/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5318.

Seduta Numru 44
23/11/2026

BAĠIT 2027 – RENDIKONT TAL-ATTIVITAJIET, INIZJATTIVI, PROĠETTI U SKEMI

5483. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4600, li fiha l-Ministru rrefera għad-diskussjoni tal-estimi finanzjarji tal-Ministeru tal-10 ta' Novembru 2026, u billi t-tagħrif speċifiku mitlub ma ngħatax fid-diskors tiegħu, jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat tal-attivitajiet, inizjattivi, proġetti u skemi ppjanati taħt dawn il-line items tal-Baġit 2027:
i. 5185 – Youth Activities;
ii. 5483 – Youths' National Programme;
iii. 5566 – Youth Special Training Scheme;
iv. 5631 – Band Music Traineeship Scheme;
v. 5673 – Youth Organisation Projects; u
vi. 5674 – Youth App?
Għal kull line item, jista' wkoll jipprovdi:
i. deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet u l-inizjattivi ppjanati;
ii. il-gruppi ta' żgħażagħ li għalihom huma mmirati, flimkien mal-kriterji użati biex jintgħażlu dawn il-gruppi; u
iii. ir-riżultati konkreti mistennija minn kull attività jew inizjattiva?

16/11/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Baġit huwa eżerċizzju fiskali li jistabbilixxi l-prijoritajiet u l-allokazzjonijiet finanzjarji tal-Gvern.
It-tnedija tal-policies u l-inizjattivi huwa proċess distint, li jsir fiż-żmien opportun, hekk kif spjegajt fid-diskors tiegħi waqt id-diskussjoni dwar l-estimi allokati għall-ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali
L-inizjattivi għall-2027 li għadhom ma ġewx spjegati fid-dettall se jiġu mnedija matul is-sena, wara l-konsultazzjonijiet u d-diskussjonijiet meħtieġa mal-partijiet ikkonċernati. Fil-frattemp nirreferi lil Onor. Interpellant għall-Istqarrija għall-Istampa PR261930 maħruġa fis-16 ta' Novembru 2026 li tinkludi dettalji tal-iskemi mħabbra nhar is-Sibt 14 ta' Novembru 2026 u - kopja tagħha qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MEMBRI TAL-ĠUDIKATURA – UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – LINJI GWIDA

5484. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk jeżistux linji gwida għall-membri tal-Ġudikatura dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fit-tħejjija u l-kitba tas-sentenzi? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra u jindika meta nħarġu u minn min? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jitfasslu tali linji gwida?

16/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

PROĊEDURI KRIMINALI DEĊIŻI LI RRIŻULTAW F'KUNDANNA

5485. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti n-numru u l-perċentwal ta' proċeduri kriminali deċiżi li rriżultaw f'kundanna, mill-2021 sal-2025, maqsuma sena b'sena u skont ir-reat? Jista' wkoll jippreżenta t-tagħrif f'tabella li tindika, għal kull sena u reat:
i. in-numru totali ta' proċeduri deċiżi;
ii. in-numru li rriżultaw f'kundanna;
iii. in-numru li rriżultaw f'liberazzjoni;
iv. in-numru li ngħalqu b'mod ieħor, inkluż minħabba preskrizzjoni jew irtirar tal-akkużi; u
v. ir-rata ta' kundanna u l-metodu użat biex tiġi kkalkulata?
Jista' wkoll jiċċara jekk iċ-ċifri jirreferux għal kawżi, persuni akkużati jew akkużi individwali, u jekk jinkludux deċiżjonijiet fl-appell?

16/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

TNAQQIS FIL-CORPORATE INCOME TAX – NEGOZJI ŻGĦAR LI SE JIBBENEFIKAW

5486. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti stima ta' kemm negozji żgħar huma mistennija li jibbenefikaw mill-miżura mħabbra fil-Baġit 2027, li tipprevedi tnaqqis fir-rata tat-taxxa fuq il-profitti tal-kumpaniji (Corporate Income Tax) għal 25% għal dawk l-intrapriżi li jagħmlu profitt annwali ta' inqas minn €1 miljun?

16/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MALTA U GĦAWDEX – XELTERS TAL-GWERRA

5487. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Fid-dawl tal-inizjattivi ta' riabilitazzjoni u modernizzazzjoni tax-xelters f'pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea, bħall-Iżvezja, jista' l-Ministru jgħid kemm hawn xelters tal-gwerra f'Malta u Għawdex u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista li tindika, għal kull xelter:
i. il-lokalità u l-post eżatt fejn jinsab;
ii. l-istat ta' manutenzjoni u sigurtà tiegħu; u
iii. jekk huwiex aċċessibbli u tajjeb biex jintuża f'każ ta' emerġenza?
Jista' jgħid ukoll jekk hemmx programm għar-riabilitazzjoni u l-modernizzazzjoni tax-xelters f'Malta u Għawdex? Jekk iva, jista' jagħti d-dettalji tax-xogħlijiet ippjanati jew li diġà nbdew, il-baġit allokat u ż-żmien previst għat-tlestija tagħhom? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jitfassal programm bħal dan?

16/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Dan il-Ministeru m'huwiex responsabbli mix-xelters li qed tirreferi għalihom l-Onor. Interpellant.

Seduta Numru 44
23/11/2026

IS-SWIEQI – IRWEJJAĦ QAWWIJA U PERSISTENTI TA' DRENAĠĠ

5488. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl ta' irwejjaħ qawwija u persistenti ta' drenaġġ fil-lokalità tas-Swieqi, tista' l-Ministru tgħid:
i. x'investigazzjonijiet saru dwar dawn l-ilmenti u x'kienu l-konklużjonijiet tagħhom;
ii. x'miżuri immedjati qed jittieħdu biex jiġi identifikat u eliminat is-sors ta' dawn l-irwejjaħ, u meta hu mistenni li l-problema tiġi solvuta;
iii. jekk hemmx pjanijiet biex is-sistema tad-drenaġġ fis-Swieqi tiġi mtejba, modifikata jew estiża sabiex jiġu evitati problemi rikorrenti u jekk iva, tagħti d-dettalji tax-xogħlijiet ippjanati u ż-żmien previst għat-twettiq tagħhom;
iv. jekk il-kapaċità tas-sistema eżistenti hijiex biżżejjed biex tlaħħaq mal-volum attwali u dak previst ta' drenaġġ, inkluż matul ix-xhur tas-sajf u tispeċifika l-kapaċità massima li għaliha ġiet iddisinjata s-sistema u l-ogħla flussi ta' drenaġġ irreġistrati matul ix-xhur tas-sajf fl-aħħar tliet snin; u
v. jekk drenaġġ minn żoni ġirien, partikolarment Pembroke u l-Madliena, jiġix dirett lejn jew jgħaddix mis-sistema tad-drenaġġ li sservi lis-Swieqi u jekk iva, tispeċifika l-volumi stmati, jekk dawn il-flussi humiex qed jikkontribwixxu għall-problemi rrappurtati, u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kwalunkwe studju jew evalwazzjoni li saru dwar l-impatt tagħhom fuq din l-infrastruttura?

16/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma waslulha xi rapporti dwar Triq it-Tiben u Triq Sant' Andrija fl-imsemmija lokalità. Wara investigazzjoni li għamlet, il-Korporazzjoni wettqet numru ta' spezzjonijiet kif ukoll tindif tal-infrastruttura tad-drenaġġ taż-żona, fejn hemm ukoll ippjanati li jsiru aktar interventi fil-jiem li ġejjin. Mir-riżultat ta' tali interventi l-Korporazzjoni tkun f'pożizzjoni aħjar biex tevalwa t-triq 'il quddiem.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-ISPTAR MATER DEI – SERVIZZ TA' EGG FREEZING – NISA LI BBENEFIKAW

5489. L-ONOR. REBECCA BUTTIGIEG staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3863 u jgħid kemm nisa bbenefikaw mill-miżura ta' 'Egg freezing' b'xejn mill-Isptar Mater Dei minn meta ġie introdott dan is-servizz sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

16/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, minn meta ġew ippubblikati l-kriterji ta' eliġibbiltà fl-24 ta' Marzu 2026, 11-il mara bbenefikaw mis-servizz tal-iffriżar soċjali tal-bajd b'xejn fl-Isptar Mater Dei. L-intitolament jippermetti sa tliet ċikli, soġġett għad-diskrezzjoni klinika, u sitta minn dawn in-nisa qed jiġu evalwati għal ċikli addizzjonali.
Barra minn hekk, 74 mara oħra qed jgħaddu minn evalwazzjoni klinika bi tħejjija għal dan is-servizz.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-AWTORITÀ TAD-DJAR – SUSSIDJU TAL-KERA GĦAL VITTMI TA' VJOLENZA DOMESTIKA

5490. L-ONOR. REBECCA BUTTIGIEG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li bbenefikaw mis-sussidju tal-kera mniedi mill-Awtorità tad-Djar, biex jgħin lill-vittmi tal-vjolenza domestika li għaddejjin minn separazzjoni jikru proprjetà, minn meta ġie introdott dan is-servizz sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

16/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa 7 persuni bbenefikaw mis-sussidju tal-kera imniedi mill-Awtorità tad-Djar sabiex tgħin lill-vittmi tal-vjolenza domestika fil-ħlas tal-kera tagħhom. Din l-inizjattiva tnediet f'Jannar ta' din is-sena u għandha l-għan li sservi bħala miżura ta' prevenzjoni sekondarja kontra l-vjolenza domestika. Permezz tagħha, qed tingħata għajnuna partikolari lil dawk il-vittmi li għadhom jgħixu mal-aggressur u li jsibu diffikultà biex jaċċessaw akkomodazzjoni soċjali minħabba proċeduri legali ta' separazzjoni li jkunu għadhom għaddejjin.

L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li jitnaqqas ir-riskju li l-vittmi jerġgħu jkunu esposti għall-vjolenza matul il-proċess tas-separazzjoni, li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn il-vittmi jkollhom jirritornaw għand l-aggressur, u li jitnaqqas ir-riskju li dawn jispiċċaw mingħajr saqaf fuq rashom. Fl-istess waqt, din il-miżura tgħin lill-vittmi jerġgħu jiksbu l-indipendenza u l-kontroll fuq ħajjithom, billi tippermettilhom jibnu ħajja ġdida f'ambjent domestiku sigur.

Seduta Numru 44
23/11/2026

KUNSILLI LOKALI – DETENTURI TAL-BLUE BADGE – TALBIET GĦAL SPAZJI TA' PARKEĠĠ KOMUNITARJI

5491. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4982 u jgħid kemm irċevew talbiet għal spazji ta' parkeġġ komunitarji għad-detenturi tal-Blue Badge kull kunsill lokali mill-1 ta' Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, b'tabella maqsuma skont il-kunsill u s-sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew approvati, kemm ġew miċħuda u kemm għadhom pendenti? Għat-talbiet miċħuda, jista' jagħti r-raġunijiet għaċ-ċaħda u l-kriterji li ġew applikati?

17/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, bejn Jannar 2025 u l-5 ta' Novembru 2026, l-ammont totali ta' applikazzjonijiet għal parkeġġi riżervati komunitarji għal persuni li għandhom il-Blue Badge kien kif ġej:

· Parkeġġi riservati Komunitarji, mill-1 ta' Jannar sa l-aħħar ta' Diċembru 2025, ġew sottomessi 123 applikazzjoni, li kollha ġew approvati u implimentati.

· Parkeġġi riservati Komunitarji, mill-1 ta' Jannar sal-5 ta' Novembru 2026, ġew sottomessi 92 applikazzjoni, li minnhom ġiet miċħuda applikazzjoni waħda, u 10 għadhom pendenti.
Qed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra id-dettalji kif mitlub fil-Mistoqsija Parlamentari.
Il-kriterji li fuqhom ma tiġix aċċetta applikazzjoni huma jekk fit-triq jew fil-viċinanzi ma jkun hemm l-ebda persuna li għandha blue badge jew jekk għandha blue badge ikollha garaxx jgħaqqad mad-dar jew ikun hemm diġa parkeġġ ieħor f'distanza ta' anqas minn 50 metru.
Iżda jekk ikun hemm ġustifikazzjoni jista' jsir parkeġġ f'distanza iqsar minn 50 metru. Dan jiddependi mill-bżonn bħalma jista jkun hemm fi pjazez, viċin ta xi knisja jew xi Ċentru tas-Saħħa jew xi skola.

Seduta Numru 44
23/11/2026

TCNS – INFERMIERA U ĦADDIEMA FIL-KURA (CARERS)

5492. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4922 u 5272 u jgħid kemm huwa n-numru ta' infermiera u ħaddiema fil-kura (carers) minn pajjiżi terzi (TCNs) impjegati fis-servizzi tas-saħħa pubbliċi f'Malta u Għawdex, b'rendikont skont il-faċilità? Jista' wkoll jindika x'perċentwal tal-persunal f'dawn il-karigi huwa magħmul minn TCNs u kemm kienu l-postijiet vakanti f'dawn il-karigi li mtlew minn TCNs matul l-aħħar sentejn?

17/11/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

5536. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5081, jista' l-Ministru jippubblika l-finanzjament mogħti għal kull NGO matul is-snin 2024, 2025 u 2026, bl-ammont u l-għan ta' kull għotja, maqsuma sena b'sena?

17/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, b'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5081, matul is-snin 2024, 2025 u 2026, diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li joperaw fis-setturi tal-arti, il-kultura u l-wirt nazzjonali bbenefikaw minn skemi ta' finanzjament u appoġġ immirati lejn it-tisħiħ tal-ħidma tagħhom u l-iżvilupp tas-settur kulturali u kreattiv.

Dawn l-iskemi jkopru diversi oqsma, fosthom l-iżvilupp artistiku, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet organizzattivi, il-konservazzjoni tal-wirt kulturali, il-promozzjoni tat-talent lokali, il-kollaborazzjoni internazzjonali u l-parteċipazzjoni tal-komunitajiet fil-ħajja kulturali ta' pajjiżna.

Fost l-iskemi li minnhom ibbenefikaw organizzazzjonijiet mhux governattivi matul il-perjodu msemmi nsibu:

Rock 'N Malta Funding Scheme: Din l-iskema tappoġġja l-iżvilupp u l-promozzjoni tax-xena mużikali rock f'Malta u Għawdex, permezz ta' għajnuna finanzjarja, loġistika u promozzjonali għall-organizzazzjoni ta' kunċerti, festivals u attivitajiet mużikali. Tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' artisti u organizzaturi lokali, filwaqt li tħeġġeġ il-produzzjoni ta' avvenimenti indipendenti u toħloq opportunitajiet sabiex it-talent lokali jiżviluppa u jilħaq udjenzi differenti.

Theatre Spaces Support Scheme: Din l-iskema tappoġġja t-titjib, il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp ta' spazji teatrali eżistenti, sabiex dawn ikunu aktar funzjonali, aċċessibbli u sostenibbli. Tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-infrastruttura teatrali u għall-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda għall-produzzjonijiet artistiċi u l-parteċipazzjoni tal-komunitajiet.

Newspapers Support Scheme: Din l-iskema tappoġġja t-titjib tal-kwalità tal-kontenut editorjali fil-gazzetti stampati, b'enfasi fuq l-arti, il-kultura u l-wirt nazzjonali. Tinkoraġġixxi wkoll l-użu tajjeb tal-lingwa Maltija fil-ġurnaliżmu u l-produzzjoni ta' kontenut li jsaħħaħ l-għarfien u l-apprezzament tal-kultura.

Investment in Cultural Organisations – Malta: Din l-iskema tappoġġja l-iżvilupp u s-sostenibbiltà tal-organizzazzjonijiet kulturali, billi tgħinhom isaħħu l-kapaċitajiet amministrattivi u operattivi tagħhom, jiżviluppaw programmi artistiċi u kulturali u jippjanaw l-attivitajiet tagħhom fuq medda itwal ta' żmien. Tinkoraġġixxi l-professjonalizzazzjoni, il-kollaborazzjoni u l-iżvilupp kontinwu tas-settur kulturali.

Investment in Cultural Organisations – Gozo: Din l-iskema hija mmirata lejn it-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet kulturali Għawdxin, permezz ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' programmi artistiċi, inizjattivi kulturali u attivitajiet li jippromwovu t-talent lokali. Tikkontribwixxi wkoll għas-sostenibbiltà tal-organizzazzjonijiet u għall-parteċipazzjoni aktar wiesgħa tal-komunitajiet fil-ħajja kulturali ta' Għawdex.

Restoration Funding Scheme: Din l-iskema tappoġġja proġetti ta' konservazzjoni u restawr ta' elementi ta' valur storiku, artistiku u kulturali, bil-għan li jiġi protett il-patrimonju nazzjonali u tiġi żgurata l-preservazzjoni tiegħu għall-ġenerazzjonijiet futuri.

International Participation Scheme: Din l-iskema tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' artisti u operaturi kulturali f'attivitajiet u opportunitajiet internazzjonali. Għandha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp professjonali, it-tisħiħ tan-netwerks kulturali u l-preżenza tat-talent Malti fix-xena artistika internazzjonali.

Artistic Heritage Scheme: Din l-iskema tappoġġja l-preservazzjoni u l-iżvilupp tal-wirt artistiku marbut mal-festi tradizzjonali Maltin, b'enfasi fuq il-mużika tal-baned, is-saħħa u s-sigurtà fil-kmamar tan-nar u l-iżvilupp ta' armar artistiku semipermanenti. L-għan tagħha huwa li tħares dawn it-tradizzjonijiet filwaqt li tħeġġeġ it-tkomplija u s-sostenibbiltà tagħhom.

Access Support Programme: Dan il-programm għandu l-għan li jsaħħaħ l-aċċessibbiltà u l-inklużjoni fis-setturi artistiċi u kulturali, billi jappoġġja inizjattivi li jnaqqsu l-ostakli għall-parteċipazzjoni u joħolqu opportunitajiet sabiex aktar persuni jkunu jistgħu jibbenefikaw minn esperjenzi kulturali u artistiċi.

Arts Support Scheme: Din l-iskema tappoġġja l-iżvilupp u t-twettiq ta' proġetti artistiċi u kulturali f'diversi dixxiplini. Tinkoraġġixxi l-kreattività, l-innovazzjoni, il-kollaborazzjoni bejn artisti u organizzazzjonijiet, kif ukoll il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-involviment ta' udjenzi differenti.

The President's Fund for Creativity: Dan il-fond jippromwovi l-inklużjoni soċjali, il-benesseri u l-parteċipazzjoni komunitarja permezz tal-arti u l-kreattività. Jappoġġja inizjattivi li jagħtu opportunitajiet lil persuni u komunitajiet sabiex jesprimu ruħhom b'mod kreattiv, jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja kulturali.

Creative Innovators and Platforms Fund: Dan il-fond jinkoraġġixxi l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' inizjattivi u pjattaformi kreattivi. Jappoġġja r-riċerka, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet professjonali u organizzattivi, l-iżvilupp ta' udjenzi u l-ħolqien ta' mudelli sostenibbli li jikkontribwixxu għat-tkabbir tas-setturi kulturali u kreattivi.

Artistic Research and Development Scheme: Din l-iskema tappoġġja r-riċerka artistika, l-esperimentazzjoni u l-iżvilupp ta' ideat u prattiċi kreattivi ġodda. Toħloq opportunitajiet għall-artisti u l-operaturi kulturali sabiex jesploraw metodi innovattivi, jiżviluppaw il-prattika professjonali tagħhom u jħejju l-bażi għal proġetti artistiċi futuri.

International Cultural Exchanges: Din l-iskema tippromwovi l-iskambji kulturali u l-kollaborazzjonijiet internazzjonali, filwaqt li tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' artisti u organizzazzjonijiet f'inizjattivi kulturali barra minn Malta. Tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet professjonali internazzjonali u għall-promozzjoni tal-kultura Maltija lil udjenzi usa'.

Il-Fond Malti tal-Ktieb: Dan il-fond kompetittiv jappoġġja l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' proġetti editorjali li jkunu għadhom fl-istadju tal-iżvilupp, mill-fażijiet tal-kitba u r-riċerka sal-istampar u l-pubblikazzjoni. Jinkludi diversi kategoriji, fosthom il-pubblikazzjoni ta' kotba ġodda, it-traduzzjoni ta' kotba mill-Malti u lejn il-Malti, kif ukoll il-produzzjoni ta' kotba diġitali u kotba awdjo. L-għan tiegħu huwa li jsaħħaħ il-produzzjoni letterarja u editorjali, jippromwovi l-lingwa Maltija u jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tal-industrija tal-ktieb.

L-Iskema tas-Sussidju għall-Kotba Stampati: Din l-iskema, introdotta fl-2026, tipprovdi appoġġ fuq l-ispejjeż tal-istampar ta' kotba li jkunu diġà ġew ippubblikati u li l-ispejjeż tagħhom ikunu tħallsu mill-applikant. Hija mmirata lejn it-tnaqqis tal-piż finanzjarju marbut mal-produzzjoni editorjali, filwaqt li tinkoraġġixxi aktar pubblikazzjonijiet u tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tas-settur. Kotba li jkunu diġà bbenefikaw mill-Fond Malti tal-Ktieb mhumiex eliġibbli għal appoġġ taħt din l-iskema.

Dawn l-iskemi jiffurmaw parti mill-qafas ta' appoġġ li permezz tiegħu l-Ministeru jkompli jsaħħaħ il-ħidma tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi fis-setturi artistiċi, kulturali u tal-wirt nazzjonali, filwaqt li jippromwovi l-iżvilupp tat-talent, il-preservazzjoni tal-wirt kulturali, l-innovazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-komunitajiet fil-ħajja kulturali ta' Malta u Għawdex.

Seduta Numru 44
23/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

5537. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5078, tista’ l-Ministru tippubblika l-finanzjament għal kull NGO matul is-snin 2024, 2025 u 2026, bl-ammont u l-għan ta’ kull għotja, maqsuma sena b’sena?

17/11/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-informazzjoni li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – FEEDERS TAL-QTATES REĠISTRATI

5547. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-proċedura (Standard Operating Procedure) li jsegwi d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali meta jittratta ma' feeders reġistrati tal-qtates, meta jinġabru qtates minn kolonji reġistrati fuqhom? Tista' tgħid ukoll kif jikkomunika d-Direttorat mal-feeders reġistrati u liema komunikazzjoni ssir bejn l-uffiċjali tal-Ħarsien tal-Annimali u l-kunsilli lokali, li ġeneralment magħhom ikunu reġistrati l-feeders u fuqhom ikunu reġistrati l-qtates?

17/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

ANNIMALI TA' SIDIEN PRIVATI – KONFISKI U STERILIZZAZZJONI

5548. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-proċedura (Standard Operating Procedure) li tiġi segwita meta jiġu kkonfiskati annimali ta' sidien privati, b'mod partikolari annimali tat-tgħammir u klieb ta' razza pura u ċjoè, identifikabbli b'mod ċar? Tista' tgħid:
i. jekk l-annimali kollha kkonfiskati, taħt il-kura tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali, jiġux sterilizzati;
ii. jekk l-annimali kkonfiskati ma jiġux kollha sterilizzati, min jiddeċiedi liema annimali jiġu sterilizzati u liema le, u fuq liema kriterji; u
iii. kemm ġew ikkonfiskati annimali mill-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont l-ispeċi u r-razza?

17/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – ĦOLQIEN TA' KARIGI ĠODDA

5549. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl tal-ħolqien tal-kariga ta' Direttur Ġenerali (DG) għall-Ħarsien tal-Annimali u tal-ħames karigi segwenti ta' Assistent Direttur (AD):

a. AD in the Policy – Animal Welfare Directorate, MEER;
b. AD in the Office of the Director General (Animal Welfare), MEER;
c. AD in the Animal Welfare Operations and Care Directorate (Animal Welfare Division), MEER;
d. AD in the Animal Welfare Regulation, Enforcement and Strategy Directorate (Animal Welfare Division), MEER; u
e. AD in the National Veterinary Hospital Services Division, MEER,
kif jirriżulta miċ-Ċirkulari tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru Nru. 14/2026 tas-16 ta' Ottubru 2026, tista' l-Ministru:

i. tgħid x'inhuma l-objettivi ta' kull waħda minn dawn il-karigi;
ii. tgħid x'bini tal-kapaċità huwa mmirat b'din iż-żieda amministrattiva, inkluż kemm personal ieħor huwa previst li jiġi impjegat;
iii. tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-organigramma tal-istrutturi ġodda;
iv. tgħid x'riżultati konkreti huma mistennija minn dan l-eżerċizzju, u f'liema perjodu; u
v. tgħid x'inhi l-ispiża annwali stmata ta' din l-istruttura l-ġdida?

17/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tisħiħ tal-qasam tal-ħarsien u l-benesseri tal-annimali huwa parti mill-impenn tal-Gvern sabiex ikompli jtejjeb is-servizzi li jingħataw f'dan il-qasam u sabiex l-Amministrazzjoni Pubblika jkollha l-kapaċità meħtieġa biex twettaq dawn il-funzjonijiet b'mod effettiv. L-istruttura l-ġdida hija mmirata biex ikun hemm responsabbiltajiet aktar ċari u kapaċità adegwata fl-oqsma tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika, r-regolamentazzjoni u l-infurzar, l-operat u l-kura tal-annimali, kif ukoll fl-iżvilupp u t-tħaddim tas-servizzi marbuta mal-Isptar Veterinarju Nazzjonali. Dawn huma l-objettivi li fuqhom huma mfasslin il-karigi msemmija mill-Onor. Interpellant.
Il-bini tal-kapaċità m'għandux jitqies biss f'termini ta' numru ta' karigi, iżda f'termini tal-kapaċità tal-Amministrazzjoni li tfassal il-politika, tirregola, tinforza, tipprovdi servizzi u tiżgura kordinazzjoni u responsabbiltà ċara bejn il-funzjonijiet differenti. Il-ħtiġijiet ulterjuri ta' riżorsi umani jiġu determinati skont il-ħtiġijiet tas-servizz u l-proċessi applikabbli tal-Amministrazzjoni Pubblika.
L-istrutturi organizzattivi qed jiġu żviluppati u implimentati f'dan il-kuntest. L-istess japplika għar-riżorsi meħtieġa, li jiġu determinati skont il-proċessi amministrattivi u baġitarji applikabbli.
Ir-riżultat li jrid jinkiseb huwa servizz pubbliku aktar b'saħħtu u effettiv għall-ħarsien tal-annimali, b'aktar kapaċità fil-politika, ir-regolamentazzjoni u l-infurzar, l-operat u l-kura, l-edukazzjoni u l-informazzjoni, kif ukoll fis-servizzi veterinarji. L-implimentazzjoni ta' dawn il-funzjonijiet ser tkompli ssir b'mod gradwali skont l-iżvilupp tal-istrutturi u tas-servizzi rispettivi.
Nemmen ukoll li l-Onor. Interpellant jaqbel li t-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istat biex jipprovdi servizz aħjar għall-ħarsien tal-annimali m'għandux, fih innifsu, jkun suġġett ta' kontroversja politika. Naturalment, il-Gvern jibqa' responsabbli li jiżgura li r-riżorsi pubbliċi jintużaw b'mod responsabbli u li t-tisħiħ tal-istrutturi jwassal għal servizz aħjar u riżultati konkreti.
Fl-aħħar mill-aħħar, l-għan jibqa' li pajjiżna jkollu sistema li tagħti ħarsien xieraq lill-annimali u servizzi li jirrispondu aħjar għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tal-annimali.

Seduta Numru 44
23/11/2026

DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – KLINIKA TAL-AFTERCARE

5550. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl tal-fatt li l-Klinika tal-Aftercare tal-Annimali tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali hija ffinanzjata mill-Baġit taħt il-vot 5468 "Animal Aftercare Clinic", u li reċentement issemmiet mill-Ministru waqt żjara fuq il-post, tista' l-Ministru:
i. tgħid taħt liema dispożizzjoni legali hija liċenzjata biex topera din il-klinika, u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-liċenzja maħruġa skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja L.S. 437.106, ir-Regolamenti dwar l-Istabbilimenti Veterinarji Privati (Liċenzjar), Avviż Legali A.L. 242 tal-2013;
ii. tgħid, jekk il-klinika mhix liċenzjata, x'inhu r-raġunament legali għall-operat tagħha, u jekk il-Gvern huwiex eżentat mill-istess standards li huma obbligati jilħqu l-kliniċi privati;
iii. tgħid min huwa l-kirurgu veterinarju responsabbli mill-klinika, u jekk il-klinika ġietx spezzjonata mill-awtorità kompetenti skont l-istess standards li japplikaw għall-kliniċi privati;
iv. tgħid liema servizzi u proċeduri jitwettqu fil-klinika (bħal kirurġija, anesteżija, sterilizzazzjoni u ewtanasja), u jekk il-mediċini veterinarji jinxtrawx, jinħażnux u jingħatawx skont il-liġi tal-mediċini veterinarji; u
v. tgħid kemm intefqu fil-klinika mill-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u kemm annimali ġew ittrattati fiha?

17/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

TESTIJIET TAL-VETTURI DWAR EMISSJONIJIET EĊĊESSIVI LI BAQGĦU MA SARUX

5551. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5201 u jgħid kemm kien hemm vetturi msejħa għall-ittestjar minħabba emissjonijiet eċċessivi li xorta baqa' ma sarx ittestjar fuqhom? Jista' jgħid ukoll għaliex ma jkunx sar dan l-ittestjar u jgħid ukoll jekk il-vettura u/jew fuq min hija rreġistrata l-vettura jiġux ippenalizzati?

17/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' vetturi msejħa għall-ittestjar minħabba emissjonijiet eċċessivi li ġew imsejħa għall-ispezzjoni u ma attendewx kien ta':

· 109 fl-2024,
· 23 fl-2025 u
· 34 fl-2026.

L-informazzjoni għall-2026 tkopri l-perjodu sa Settembru 2026.

Fir-rigward tal-każijiet fejn l-ittestjar ma jsirx, l-Awtorità tinnotifika lis-sidien tal-vetturi kkonċernati permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jippreżentaw il-vetturi tagħhom għall-ittestjar meħtieġ fil-Vehicle Inspection Unit. Meta s-sidien tal-vetturi jonqsu milli jattendu għall-ispezzjoni, tiġi mposta restrizzjoni amministrattiva fuq il-liċenzja tal-vettura.

Konsegwentement, il-vettura tkun trid tgħaddi mill-ispezzjoni meħtieġa qabel ma jkun jista' jsir it-tiġdid tal-liċenzja tat-triq tagħha..

Seduta Numru 44
23/11/2026

EMISSJONIJIET EĊĊESSIVI MINN VETTURI – SMS REPORTING – REVIŻJONI

5552. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5202 u jgħid jekk qatt saritx reviżjoni tal-iskema tal-SMS reporting dwar vetturi b'emissjonijiet eċċessivi minn meta ddaħħlet? Jekk iva, jista' jgħid x'kienu r-reviżjonijiet?

17/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma sarux reviżjonijiet formali tal-iskema

Seduta Numru 44
23/11/2026

ANZJANI LI GĦALQU L-61 SENA U HUMA ELIĠIBBLI GĦALL-PENSJONI

5553. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4761 u 5204 u jgħid kemm huwa preżentement in-numru ta' anzjani li għalqu l-61 sena u huma eliġibbli għall-pensjoni?

17/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

PENSJONANTI LI GĦANDHOM PENSJONI TAĦT L-€1,000

5562. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4971 u 5259 u jgħid kemm huwa n-numru ta' pensjonanti li għandhom pensjoni taħt l-€1,000?

17/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

HELPLINE 1779 – TELEFONATI

5563. L-ONOR. REBECCA BUTTIGIEG staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru telefonati fuq il-helpline 1779, dedikat għall-vittmi ta' revenge porn, minn meta ġie introdott dan is-servizz sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

18/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant, li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

DJAR RESIDENZJALI GĦALL-ANZJANI - RAPPORTI TA' ALLEGAT ABBUŻ, NEGLIĠENZA JEW TRATTAMENT MHUX XIERAQ TA' ANZJANI

5569. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 5023 u 5276 u jgħid kemm ġew irreġistrati rapporti ta' allegat abbuż, negliġenza jew trattament mhux xieraq ta' anzjani fi djar residenzjali, kemm pubbliċi kif ukoll privati, matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jindika kemm minn dawn il-każijiet ġew ikkonfermati wara investigazzjoni u x'passi ttieħdu fil-konfront ta' dawk responsabbli?

18/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub jinsab fit-tabella ta' hawn taħt. Infurmat li l-Awtorita' responsabbli żgurat li r-rakkomandazzjonijiet maħruġa in konnessjoni ma' dawn il-każijiet ġew indirizzati.

Sena	Ilmenti li rċiviet l-Awtorità	Ilmenti li għadhom qed jiġu investigati	Każijiet li ġew ikkonfermati wara investigazzjoni u li dwarhom l-Awtorità ħarġet rakkomandazzjonijiet, li fuqhom il-forniturі tas-servizz ħadu azzjoni immedjata
2024	3	0	0
2025	7	0	3
2026	9	3	3

Seduta Numru 44
23/11/2026

PERMESSI TA' RESIDENZA – APPLIKAZZJONIJIET – ŻMIEN TA' PROĊESSAR

5570. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2947, 4566, 4975 u 5277 u jgħid x'kien iż-żmien medju li ħadet l-Aġenzija Identità biex tipproċessa u tiddeċiedi applikazzjonijiet għal permess ta' residenza matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont il-kategorija tal-applikazzjoni? Jista' jgħid ukoll kemm ġew deċiżi applikazzjonijiet wara li skada ż-żmien statutorju stabbilit mil-liġi, u kemm applikazzjonijiet għadhom pendenti llum, lil hinn minn dak iż-żmien?

18/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

L-IMTARFA – SQAQ IT-TOKK

5573. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5306, jista' l-Ministru jgħid jekk il-post li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament fi Sqaq it-Tokk fl-Imtarfa huwiex proprjetà tal-Awtorità tal-Artijiet?

18/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

IR-RABAT, MALTA – TRIQ SAN VINCENZ FERRERI – PARKEĠĠI

5574. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid għaliex wara li saru x-xogħlijiet fi Triq San Vincenz Ferreri fir-Rabat, Malta, naqqsu l-parkeġġi li qabel kienu preżenti fit-triq? Jista' jgħid ukoll x'se jsir biex dan jiġi rimedjat?

18/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

IR-RABAT, MALTA – TRIQ SAN VINCENZ FERRERI – PARKEĠĠI

5575. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid għaliex wara li saru x-xogħlijiet fi Triq San Vincenz Ferreri fir-Rabat, Malta, naqqsu l-parkeġġi li qabel kienu preżenti fit-triq? Tista' tgħid ukoll x'se jsir biex dan jiġi rimedjat?

18/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

IR-RABAT, MALTA - ŻONA TA' KORONJA - WIED IL-QLEJGĦA - INSTALLAZZJONI TA' BOZOZ

5576. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4435 u 5205 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli u lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi rispettivament u tgħid jekk hemmx pjan jew applikazzjoni biex jiġu installati bozoz mal-bridge li jaqsam fuq Wied il-Qlejgħa (Chadwick Lakes), fiż-żona ta' Koronja, fil-limiti tar-Rabat, Malta?

18/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li, mill-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, ħadd m'għandu pjanijiet jew issottometta xi applikazzjoni biex jinstalla bozoz fiż-żona indikata.

Seduta Numru 44
23/11/2026

KNEE REPLACEMENTS

5577. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5278, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru knee replacements fl-Isptar Mater Dei, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fi sptarijiet privati mħallsin mill-Gvern, fix-xhur ta' Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2026, maqsuma skont l-isptarijiet differenti?

18/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li bejn Frar u Settembru 2026, is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa wettaq 760 operazzjoni ta' knee replacements f'Malta u Għawdex, maqsumin bejn l-isptar Mater Dei (261), l-isptar Ġenerali ta' Għawdex (105) u sptarijiet privati (394).

Seduta Numru 44
23/11/2026

HIP REPLACEMENTS

5578. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5279, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru hip replacements fl-Isptar Mater Dei, fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex u fi sptarijiet privati mħallsin mill-Gvern, fix-xhur ta' Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2026, maqsuma skont l-isptarijiet differenti?

18/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li bejn Frar u Settembru 2026, is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa wettaq 281 operazzjoni ta' hip replacements f'Malta u Għawdex, maqsumin bejn l-isptar Mater Dei (176), l-isptar Ġenerali ta' Għawdex (46) u sptarijiet privati (59).

Seduta Numru 44
23/11/2026

MARSASKALA – TRIQ TA' GIDWET – DRENAĠĠ LI QED JIDĦOL FIL-PROPRJETAJIET PRIVATI

5579. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għax-xogħol li sar, u għadu qed isir, sabiex terġa' tinbena mill-ġdid Triq ta' Gidwet f'Marsaskala, jista' l-Ministru jgħid jekk hux konxju li ċertu residenti qed jidħlilhom ħafna drenaġġ fil-proprjetà tagħhom kull meta tagħmel ix-xita, b'mod partikolari dawk ir-residenti li joqogħdu fi Triq Ta' Gidwet kantuniera ma' Triq il-Gardiel, tant li tali drenaġġ qed jiżblokka mill-galley u t-toilets (kif jidher mir-ritratti li qed jintbagħtu separatament)?

18/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

5580. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 5207 u 5208, tista' l-Ministru tippubblika l-finanzjament għal kull għaqda msemmija għas-snin 2024, 2025 u 2026, bl-ammont u l-għan ta' kull għotja, maqsuma sena b'sena?

18/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li uħud mill-kollaborazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet volontarji (NGOs) huma koperti b'Management Agreements fejn kwalunkwe finanzjament ikun suġġett għall-kisba ta' deliverables speċifiċi marbutin mal-ħtiġijiet speċifiċi ta' sit konċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

DIRETTURI ĠENERALI – ĦATRIET U TUL TA' SERVIZZ

5581. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5192 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4137, jista' l-Ministru jgħid meta ġie appuntat għall-ewwel darba kull wieħed mid-Diretturi Ġenerali li attwalment huma fil-kariga, u jekk ġiex sussegwentement riappuntat fil-kariga? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-proċedura segwita f'każ ta' riappuntament?

18/11/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. interpellant li t-twegieba ser tinghata f'seduta ohra

Seduta Numru 44
23/11/2026

PROPRJETAJIET PUBBLIĊI GĦALL-UŻU TA' NGOS

5582. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3739, 4464 u 5209 u jelenka l-proprjetajiet pubbliċi mogħtija għall-użu ta' NGOs taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u jispeċifika l-NGO, l-użu u l-kundizzjonijiet ta' kull ftehim?

18/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

5583. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3740, 4465 u 5210 u jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

18/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – PERMESSI GĦAL BILLBOARDS

5586. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5413, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-permessi kollha maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar relatati ma' billboards, kemm permanenti kif ukoll temporanji, fil-lokalitajiet ta' Raħal Ġdid, Ħal Tarxien, Santa Luċija, il-Fgura u l-Gudja, għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2026 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

18/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

IL-MARSA – PROĠETT TAL-ARTS AND CULTURE HUB

5587. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5316 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim ta' finanzjament Ewropew għall-proġett tal-Arts and Culture Hub fil-Marsa, li għalih ġew allokati €15-il miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)? Jista' jgħid x'inhuma l-miri u d-dati stipulati għat-twettiq tal-proġett?

18/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fuq il-proġett tal-Arts and Culture Hub fil-Marsa bdew f'Jannar 2026, bit-twaqqigħ tal-istrutturi eżistenti fuq is-sit u l-bidu tax-xogħlijiet ta' skavar.
Matul dawn ix-xogħlijiet instabu fdalijiet arkeoloġiċi ta' importanza storika, fosthom dik li ġiet identifikata bħala l-akbar barriera Punika li qatt instabet, katakombi Puniċi u Rumani, kif ukoll mina tal-ilma li tmur lura għall-perjodu Brittaniku. F'dan ir-rigward, kienet infurmata s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.
Infurmat li bħaliss għaddej il-proċess ta' kxif tal-art allokata għall-proġett sabiex jiġu identifikati kwalunkwe fdalijiet arkeoloġiċi oħra. Matul il-proċess se jiġu rispettati s-sejbiet arkeoloġiċi u r-rakkomandazzjonijiet tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.
F'dan il-kuntest, u fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, ix-xogħlijiet iridu jieħdu l-perkors tagħhom u l-mira oriġinali għat-tlestija jaf tvarja.
Il-fondi allokati se jiġu riallokati għal proġetti oħra sabiex jiġi evitat li jintilfu, filwaqt li tibqa' miftuħa l-possibbiltà li ssir applikazzjoni ġdida għal finanzjament mill-ERDF taħt programm sussegwenti.

Seduta Numru 44
23/11/2026

IL-MARSA – PROĠETT TAL-ARTS AND CULTURE HUB

5588. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5317 u jgħid x'inhi d-data stabbilita għall-bidu tax-xogħlijiet prinċipali u għat-tlestija tal-proġett tal-Arts and Culture Hub fil-Marsa?

18/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 5587.

Seduta Numru 44
23/11/2026

IX-XEWKIJA, GĦAWDEX – PROĠETT TA' ĠNIEN IL-ĦADDIEM

5592. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4994 u jgħid f'liema stadju jinsab il-proġett ta' Ġnien il-Ħaddiem, fix-Xewkija, Għawdex?
Jista' jgħid ukoll:
i. liema xogħlijiet saru s'issa u liema għad iridu jitwettqu;
ii. jekk kienx hemm dewmien fl-implimentazzjoni u x'kienu r-raġunijiet għalihom;
iii. x'inhi l-ispiża totali prevista, kemm intefaq s'issa u minn fejn qed jiġi ffinanzjat il-proġett;
iv. jekk il-proġett għadux se jinkludi l-faċilitajiet kollha mħabbra oriġinarjament; u
v. meta hu mistenni li jitlesta u jinfetaħ għall-pubbliku?

19/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li saret il-mobilizzazjoni tal-kuntrattur fuq is-sit. Dan il-proġett hu iffinanzjat minn fondi Ewropej taħt l-fond Sustainable Urban Development. Il-proġett mistenni li jinkludi l-facilitajiet kollha mħabbra oriġinarjament. Ix-xogħol kien pjanat li jitlesta fi żmien 78 gimgħa.

Seduta Numru 44
23/11/2026

QORTI TA' GĦAWDEX - BINJA ĠDIDA - XOGĦLIJIET

5596. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu x-xogħlijiet fuq il-binja l-ġdida tal-Qorti ta' Għawdex u meta huwa antiċipat li din titlesta?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

QORTI TA' GĦAWDEX - BINJA ĠDIDA - NEFQA

5597. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ser tkun qed tiswa l-binja l-ġdida tal-Qorti ta' Għawdex u kemm minn din l-ispiża tikkonċerna l-prezz tax-xiri ta' din il-binja?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

QORTI TA' GĦAWDEX - BINJA ĠDIDA - SERVIZZI

5598. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'servizzi ser ikomplu jingħataw mill-binja eżistenti meta titlesta l-binja l-ġdida tal-Qorti ta' Għawdex?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tingħabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

QORTI TA' GĦAWDEX - COURT ATTORNEYS

5599. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' Court Attorneys addetti mal-Qorti ta' Għawdex?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tingħabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

QORTI TA' GĦAWDEX - ASSISTENTI ĠUDIZZJARJI

5600. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Assistenti Ġudizzjarji addetti mal-Qorti ta' Għawdex?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tingħabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

QORTI TA' GĦAWDEX - MARIXXALLI

5601. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Marixxalli li jaħdmu fi ħdan il-Qorti ta' Għawdex?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tingħabar.

Seduta Numru 44
23/11/2026

RAPPORT FUQ L-IMPATT TAŻ-ŻIEDA FUQ IL-POPOLAZZJONI TA' MALTA

5618. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar ir-rapport ta' kważi 300 paġna fuq l-impatt taż-żieda fuq il-popolazzjoni ta' Malta, li l-Ministru stess kiteb fl-2018 fuq inkarigu tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u li għalih irrefera fil-Kamra u jgħid:
i. x'inhu t-titlu uffiċjali ta' dan ir-rapport;
ii. jekk jinkludix effetti ekonomiċi biss, jew jekk jinkludix ukoll effetti soċjali, kulturali, demografiċi, politiċi u infrastrutturali; u
iii. b'liema proċedura ngħata dan l-inkarigu (direct order, kuntratt ta' servizz jew sejħa pubblika), u min awtorizzah?

19/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

'THE GOLDEN BEE ADVENTURE' - STAMPAR, DISTRIBUZZJONI U BEJGĦ TAL-PUBBLIKAZZJONI

5633. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew stampati kopji tal-pubblikazzjoni 'The Golden Bee Adventure', miktuba mill-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u li ġiet ippubblikata f'Novembru tal-2024? Jista' jgħid ukoll kemm tqassmu kopji, kemm inbiegħu u x'kien id-dħul totali ġġenerat mill-bejgħ?

19/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

'THE GOLDEN BEE ADVENTURE' - ARRANĠAMENTI KUNTRATTWALI TAL-PUBBLIKAZZJONI

5634. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim, l-ittra ta' awtorizzazzjoni jew kwalunkwe arranġament kuntrattwali ieħor bejn il-Malta Film Commission u l-Malta Community Chest Fund (MCCF) dwar il-pubblikazzjoni ta' 'The Golden Bee Adventure', inklużi d-dettalji tal-arranġamenti finanzjarji u l-mod kif kellhom jiġu trasferiti l-flus miġbura?

19/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

'THE GOLDEN BEE ADVENTURE' - TRASFERIMENT TAD-DĦUL MILL-BEJGĦ LILL-MALTA COMMUNITY CHEST FUND

5635. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jispjega għaliex, madwar sentejn wara l-pubblikazzjoni ta' 'The Golden Bee Adventure', għadu ma ġie trasferit l-ebda dħul lill-Malta Community Chest Fund? Jista' jgħid ukoll meta huwa mistenni li dan it-trasferiment isir?

19/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

‘THE GOLDEN BEE ADVENTURE’ - SPIŻA TOTALI TAL-MALTA FILM COMMISSION

5636. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista’ l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża totali tal-Malta Film Commission għall-produzzjoni, l-istampar, il-promozzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ tal-pubblikazzjoni ‘The Golden Bee Adventure’, billi jelenka kemm kienet l-ispiża u allura kemm huwa l-ammont nett li suppost imur għand il-Malta Community Chest Fund? Jista’ jgħid ukoll min kien responsabbli mill-amministrazzjoni u s-sorveljanza finanzjarja ta’ din l-inizjattiva, u jekk il-Malta Film Commission wettqitx investigazzjoni jew reviżjoni interna sabiex jiġi stabbilit għaliex kien hemm dan id-dewmien fit-trasferiment tal-fondi?

19/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MALTA FILM COMMISSION - FLUS PUBBLIĊI MĦALLSA LIL INDIVIDWU

5637. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista’ l-Ministru jgħid kemm ħallset flus pubbliċi l-Malta Film Commission, direttament jew indirettament, lill-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, lill-aġenti tiegħu, lir-rappreżentanti tiegħu jew lill-kumpaniji assoċjati miegħu, bejn l-2021 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont is-sena u l-inizjattiva elenkati separatament?

19/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MALTA FILM COMMISSION - KUNTRATTI U TERMINI TA’ REFERENZA

5638. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista’ l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti u t-termini ta’ referenza relatati mal-impenji tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, mal-Malta Film Commission, inklużi dawk marbuta mal-Malta Film Awards u mal-Mediterrane Film Festival?

19/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 44
23/11/2026

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

VETTURI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ – SKEMA FUQ L-EŻENZJONIJIET U T-TRAĦĦIS TA' XIRI

W807. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid fiex tikkonsisti l-iskema fuq l-eżenzjonijiet u t-traħħis ta' xiri ta' vetturi għall-persuni b'diżabilità? Tista' tgħid ukoll kemm ibbenefikaw persuni minn din l-iskema matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

30/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni dwar skemi amministrati minn Aġenzija Sapport fir-rigward ta' assistenza finanziarja relatati max-xiri ta' vetturi aċċessibbli għall-persuni li jużaw siġġu tar-roti. Infurmata li n-numru ta' applikazzjonijiet approvati matul l-aħħar snin huwa kif ġej:

Sena	Sussidju fuq Vettura Drive-from-Wheelchair	Sussidju fuq Vettura Użata Aċċessibbli għas-Siġġu tar-Roti
2021	–	–
2022	–	–
2023	2	2
2024	2	16
2025	1	31
2026 (Jannar sa Ottubru)	0	16

Inoltre, l-Aġenzija Sapport tipproċessa applikazzjonijiet relatati ma' skema tal-Ministeru għall-Finanzi li tipprovdi għall-benefiċċji li ġejjin:

1. **Eżenzjoni jew Tnaqqis mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni fuq Vettura (Registration Tax Exemption/Reduction), Għotja fuq id-Dazju tal-Importazzjoni (Import Duty) u Għotja fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT on CIF):** dawn japplikaw għax-xiri ta' vetturi ġodda jew użati (second-hand) li jkunu għadhom ma ġewx irreġistrati f'Malta.
2. **Eżenzjoni jew Tnaqqis fil-Ħlas tal-Liċenzja taċ-Ċirkolazzjoni (Circulation Licence Fee):** din tapplika għall-vetturi li jkunu diġà rreġistrati f'Malta, skont il-kriterji applikabbli.

Fir-rigward tal-applikazzjonijiet relatati mal-iskema tal-Ministeru għall-Finanzi msemmija, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 44
23/11/2026

PERSUNI LI QED JITĦARRĠU BIEX JGĦALLMU LIL STUDENTI NEQSIN MID-DAWL

W945. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna qiegħda tiġi mħarrġa biex tagħti tagħlim lil studenti neqsin mid-dawl?

19/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4160.

Seduta Numru 44
23/11/2026

SISTEMA EDUKATTIVA – STUDENTI NEQSIN MID-DAWL

W946. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti li huma neqsin mid-dawl f'kull wieħed mil-livelli tas-sistema edukattiva ġewwa pajjiżna?

19/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li minn kindergarten sal-livel post-sekondarju hemm 121 student.

Seduta Numru 44
23/11/2026